REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/576

tal-10 ta' April 2019

li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju li joriġinaw fir-Russja, fi Trinidad u Tobago u fl-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-13 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni Ewropea bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju li joriġinaw fir-Russja, fi Trinidad u Tobago u fl-Istati Uniti tal-Amerka ("il-pajjiżi kkonċernati") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament bażiku"). In-Notifika ta' Bidu (Notice of Initiation,"NoI") ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2018 minn Fertilizers Europe ("l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju ("UAN"). L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u ta' dannu materjali riżultanti li kien biżżejjed biex jiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/455 tal-20 ta' Marzu 2019 ([3]) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni")

1.3. Partijiet interessati

(4) Fin-notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-ilmentatur, lill-produtturi magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa ("Russja"), ta' Trinidad u Tobago ("TT"), u tal-Istati Uniti tal-Amerka ("Stati Uniti"), lill-importaturi u l-assoċjazzjonijiet magħrufa li jirrappreżentaw l-interessi tal-utenti u lil assoċjazzjonijiet oħra magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(5) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjonijiet u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u / jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

(6) Il-produtturi esportaturi li kkooperaw fir-Russja u fl-Istati Uniti sostnew li l-ilmentaturi ma kellhom ebda dritt u li ma kienx hemm evidenza biżżejjed ta' dumping u ta' dannu biex titnieda l-investigazzjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw fir-Russja, fi Trinidad u Tobago u fl-Istati Uniti tal-Amerka. ĠU C 284, 13.8.2018, p. 9.
([3]) ĠU L 79, 21.3.2019, p. 9.

(7) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn iż-żewġ pretensjonijiet. Il-Kummissjoni kkontroverifikat u kkonfermat il-konklużjonijiet fin-Nota tal-fajl dwar il-pożizzjoni disponibbli għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li l-ilment sar abbażi tal-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' UAN. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet eżami tal-ilment skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, u waslet għall-konklużjoni li r-rekwiżiti għall-bidu ta' investigazzjoni ġew issodisfati, jiġifieri li l-adegwatezza u l-preċiżjoni tal-evidenza ppreżentata mill-ilmentatur kienu suffiċjenti. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, ilment għandu jinkludi tali informazzjoni disponibbli b'mod raġonevoli għall-ilmentatur dwar il-fatturi indikati fih. Fuq il-bażi tal-evidenza pprovduta, kif ikkonfermat mill-valutazzjoni proprja tal-Kummissjoni, dan ir-rekwiżit kien issodisfat.

1.4. **Kampjunar**

(8) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.4.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(9) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni sostniet li kienet iddeċidiet li tillimita għal għadd raġonevoli l-produtturi tal-Unjoni li kienu se jiġu investigati billi tapplika l-kampjunar u li kienet għażlet provviżorjament kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun provviżorju fuq il-bażi tal-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-Unjoni rrapportati, mill-produtturi tal-Unjoni, fil-kuntest tal-analiżi tal-valutazzjoni ta' rappreżentattività ta' qabel il-bidu. Il-kampjun provviżorju stabbilit b'dan il-mod kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni li kienu responsabbli għal madwar 70 % tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-Unjoni skont l-informazzjoni disponibbli. Id-dettalji ta' dan il-kampjun provviżorju kienu disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u l-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jikkummentaw.

(10) Ftit wara l-bidu, wieħed mill-produtturi inklużi b'mod provviżorju fil-kampjun, Yara Sluiskil B.V., informa lill-Kummissjoni li ma riedx jikkoopera. Barra minn hekk, żewġ produtturi tal-Unjoni bagħtu tweġibiet bħala reazzjoni għall-valutazzjoni ta' rappreżentattività ta' qabel il-bidu wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu. Il-Kummissjoni kkunsidrat id-*data* tal-produtturi tal-Unjoni dwar il-produzzjoni u l-bejgħ sabiex tistabbilixxi l-kampjun finali.

(11) Bosta partijiet interessati ppreżentaw aktar kummenti fir-rigward tal-kampjun provviżorju. Il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti u spjegat fin-nota miżjuda mal-fajl miftuħ fit-5 ta' Settembru 2018 għalfejn dawk il-kummenti ma kellhomx impatt fuq l-għażla tal-kampjun finali.

(12) L-approċċ tal-Kummissjoni li tapplika l-kampjunar, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament anti-dumping bażiku, fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, għaldaqstant inżamm.

(13) Billi Yara Sluiskil B.V. ma xtaqx jikkoopera, il-Kummissjoni ddeċidiet li tissostitwih b'OCI Nitrogen. Il-kampjun finali ta' produtturi tal-Unjoni, magħmul minn AB Achema, Grupa Azoty Zaklady Azotowe Pulawy S.A. u OCI Nitrogen B.V., kien responsabbli għal aktar minn 50 % tal-produzzjoni u l-volumi tal-bejgħ totali tal-Unjoni tal-prodott simili. Il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.4.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(14) Sabiex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(15) Diversi importaturi mhux relatati ppreżentaw ruħhom bħala partijiet interessati, għalkemm tlieta biss ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Minħabba l-għadd żgħir ta' tweġibiet li waslu, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ. It-tliet importaturi kollha kienu mistiedna jwieġbu kwestjonarju.

1.4.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-Russja, fi TT u fl-Istati Uniti*

(16) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi magħrufin kollha fir-Russja, fi TT u fl-Istati Uniti sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Federazzjoni Russa għall-Unjoni Ewropea, lill-Missjoni ta' Trinidad u Tobago għall-Unjoni Ewropea, u lill-Missjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka għall-Unjoni Ewropea biex jidentifikaw u / jew jikkuntattjaw produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(17) Żewġ produtturi esportaturi fir-Russja, produttur esportatur wieħed fi TT, u produttur esportatur wieħed fl-Istati Uniti pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun.

(18) Fid-dawl tal-għadd baxx ta' reazzjonijiet mingħand il-produtturi esporatataturi, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx neċessarju.

(19) Il-produtturi esportaturi kollha magħrufa kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kumpaniji li għandhom jiġu investigati, permezz ta' nota bid-data tal-21 ta' Awwissu 2018. Ma wasal l-ebda kumment.

1.5. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju**

(20) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lit-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, lill-ilmentatur, lit-tliet importaturi mhux relatati li kienu ppreżentaw ruħhom, lill-erba' produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati u lill-assoċjazzjonijiet tal-utenti u l-operaturi ekonomiċi kollha li ppreżentaw ruħhom u talbu kwestjonarju.

(21) Fl-ilment, l-ilmentatur ipprovda evidenza suffiċjenti ta' distorsjonijiet fil-materja prima fir-Russja fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, kif tħabbar fin-Notifika ta' Bidu, l-investigazzjoni tkopri dawn id-distorsjonijiet fil-materja prima biex tiddetermina jekk għandhomx jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-Russja. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju addizzjonali lill-Gvern tar-Russja (Government of Russia,"GOR").

(22) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, mingħand Fertilizers Europe, mingħand tliet importaturi mhux relatati, mingħand l-erba' produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati u mingħand sbatax-il operatur ekonomiku differenti, inklużi xi whud li jirrappreżentaw l-interessi tal-utenti.

(23) Waslet ukoll tweġiba għall-kwestjonarju mingħand il-GOR. Madankollu, din it-tweġiba kienet defiċjenti ħafna u kienet nieqsa mill-informazzjoni bażika meħtieġa mill-Kummissjoni biex teżamina l-allegazzjoni ta' distorsjonijiet fil-materja prima fir-Russja u biex tivvaluta jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti biex jitneħħa d-dannu. Il-GOR ma weġibx għat-talba tal-Kummissjoni fir-rigward ta' verifika fil-post, tad-*data* pprovduta fit-tweġiba għall-kwestjonarju.

(24) Il-Kummissjoni infurmat lill-GOR b'żewġ noti tat-22 ta' Ottubru u tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar id-defiċjenzi tat-tweġiba għall-kwestjonarju u n-nuqqas ta' tweġiba għat-talba tal-Kummissjoni sabiex tivverifika d-*data* pprovduta. Il-Kummissjoni indikat li billi ma tipprovdix l-informazzjoni neċessarja, kienet se tagħmel is-sejbiet tagħha fir-rigward tal-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima fir-Russja fuq il-bażi tal-fatti disponibbli. Il-GOR naqas milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa bħala reazzjoni għal dawk in-noti.

1.6. **Iż-żjarat ta' verifika**

(25) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għal determinazzjoni provviżorja ta' dumping, distorsjonijiet fil-materja prima fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fir-Russja, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fl-uffiċċji tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produtturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet tagħhom

— AB Achema, Jonava, il-Litwanja

— Grupa Azoty Zaklady Azotowe Pulawy S. A., Pulawy, il-Polonja

— OCI Nitrogen BV, Geleen, in-Netherlands

— Fertilizers Europe, Brussell, il-Belġju

(b) Importaturi mhux relatati

— UnionInvivo, Pariġi, Franza

— Interore, Wavre, il-Belġju

(c) Produtturi esportaturi:

Produtturi esportaturi fir-Russja:

Acron Group:

— PJSC Acron ("Acron"), Veliky Novgorod, ir-Russja (produttur)

— Agronova Belgorod ("Agronova"), Moska, ir-Russja (kummerċjant domestiku)

EuroChem Group:

— Novomoskovsky Azot, JSC, Novomoskovsk, ir-Russja (produttur)

— Nevinnomyssky Azot, JSC, Nevinnomyssk, ir-Russja (produttur)

— EuroChem Trading Russia, Moska, ir-Russja (kummerċjant domestiku)

Produttur esportatur f'TT:

— Methanol Holdings (Trinidad) Limited ("MTHL"), Point Lisas, TT

Produttur esportatur fl-Istati Uniti:

— CF Industries Holdings, Inc. ("CFI"), Deerfield, Illinois, l-Istati Uniti

(d) Importaturi relatati:

— Acron France SAS ("Acron SAS"), Pariġi, Franza (importatur relatat ma' Acron Group)

— EuroChem Agro GmbH, Mannheim, il-Ġermanja (importatur relatat ma' EuroChem Group)

— EuroChem Agro France SAS, Pariġi, Franza (importatur relatat ma' EuroChem Group)

— Helm AG ("HAG"), Hamburg, il-Ġermanja (importatur relatat ma' MHTL)

— Helm Engrais France ("HEF"), Pariġi, Franza (importatur relatat ma' MHTL)

(e) Esportaturi relatati:

— Acron Switzerland AG ("Acron AG"), Baar, l-Iżvizzera (esportatur relatat ma' Acron Group)

— EuroChem Trading GmbH, Zug, l-Iżvizzera (esportatur relatat ma' EuroChem Group).

1.7. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(26) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-evalwazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2015 u t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Il-prodott ikkonċernat**

(27) Il-prodott ikkonċernat huwa taħlitiet ta' urea u ta' nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni milwiema jew ammonijakali li joriġinaw fir-Russja, fi Trinidad u Tobago, u fl-Istati Uniti tal-Amerka, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 80 00 ("il-prodott ikkonċernat" jew "UAN").

(28) L-UAN huwa fertilizzant tan-nitroġenu likwidu.

(29) Il-kontenut tan-nitroġenu huwa l-aktar karatteristika sinifikanti tal-prodott ikkonċernat. Dan jista' jvarja bejn 28 % u 32 % ta' UAN. Varjazzjoni bħal din ġeneralment tinkiseb billi jiġi miżjud aktar jew anqas ilma mas-soluzzjoni. Il-biċċa l-kbira tas-soluzzjonijiet importati għandhom tendenza li jkollhom kontenut ta' nitroġenu ta' 32 %. L-UAN b'kontenut ta' nitroġenu ta' 32 % huwa aktar ikkonċentrat mill-UAN b' 30 % jew anqas, u għalhekk irħas għat-tbaħħir. Madankollu, ikun xi jkun il-kontenut tan-nitroġenu tagħhom, is-soluzzjonijiet kollha ta' urea u nitrat tal-ammonju huma kkunsidrati li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u għalhekk jikkostitwixxu prodott uniku.

2.2. **Prodott simili**

(30) L-UAN huwa prodott ta' komodità pur, u l-kwalità u l-karatteristiċi fiżiċi bażiċi tiegħu huma l-istess ikun xi jkun il-pajjiż tal-oriġini. Il-produtturi tal-Unjoni joffru l-UAN b'kontent ta' nitroġenu li jvarja minn 28 sa 32 %.

(31) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiżi kkonċernati; kif ukoll

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(32) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. **Pretensjonijiet rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott**

(33) Produttur wieħed tal-Unjoni ssottolinja li ż-żieda ta' sustanzi oħra ("additivi", b'mod partikolari s-sulfat tal-ammonju iżda potenzjalment ukoll sustanzi oħra) mal-UAN xorta kienet tfisser li t-taħlita li tirriżulta hija UAN u taqa' taħt il-kodiċi NM 3102 80 00. L-investigazzjoni wriet li hija prattika komuni li jiżdiedu additivi fi kwantitajiet żgħar u li s-suq xorta jqis il-prodott li jirriżulta bħala UAN.

(34) Għalhekk, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkjarifika li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott tal-investigazzjoni jinkludi taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni milwiema jew ammonijakali, li jistgħu jkollhom l-additivi, sakemm l-additivi ma jkunux tat-tip li jwassal biex it-taħlita tiġi kklassifikata taħt kodiċi NM differenti.

3. **DUMPING**

3.1. **Ir-Russja**

3.1.1. *Produtturi esportaturi*

(35) Skont is-sejbiet tal-investigazzjoni, kien hemm tliet gruppi ta' kumpaniji fir-Russja li pproduċew l-UAN fil-PI: Acron Group, Eurochem Group u Kuibyshev Azot. Minn dawn, l-ewwel żewġ gruppi esportaw l-UAN lill-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Iż-żewġ gruppi kkooperaw fl-investigazzjoni.

(36) Fil-każ ta' Acron Group, kien hemm produttur wieħed tal-UAN fil-grupp li kien jopera fir-Russja. Il-bejgħ domestiku tal-prodott simili fil-PI sar direttament lil klijenti mhux relatati u anki indirettament permezz ta' kummerċjant domestiku wieħed relatat. Il-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni fil-PI sar direttament lil klijenti indipendenti jew indirettament permezz ta' esportatur relatat fl-Iżvizzera jew permezz ta' importatur relatat fi Franza.

(37) Fil-każ ta' Eurochem Group, kien hemm żewġ produtturi tal-UAN fil-grupp li kienu joperaw fir-Russja. Il-bejgħ domestiku tal-prodott simili fil-PI sar kollu permezz ta' wieħed miż-żewġ kummerċjanti domestiċi relatati. Il-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-UE fil-PI sar biss permezz ta' esportatur relatat fl-Iżvizzera u suċċessivament permezz ta' importatur relatat fil-Ġermanja. L-importatur relatat Ġermaniż imbagħad kien qiegħed ibigħ ulterjorment jew direttament lil klijenti mhux relatati jew permezz ta' wieħed minn tliet kummerċjanti relatati fil-Bulgarija, Franza u Spanja. Il-kumpanija tal-aħħar xorta kienet tagħmel xi parti mill-bejgħ tagħha permezz ta' kummerċjant relatat ieħor li wkoll kien jinsab fi Spanja.

3.1.2. *Il-valur normali*

(38) Biex tikkalkula l-valur normali, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. L-investigazzjoni sabet li Acron kien qed jipproduċi, ibigħ fis-suq domestiku, u jesporta lejn l-Unjoni UAN b'kontenut ta' nitroġenu ta' 32 % biss fil-PI. Il-bejgħ domestiku jitqies rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur jkun jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum tal-bejgħ totali tiegħu għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(39) Fuq din il-bażi, il-bejgħ ta' Acron tal-prodott simili fis-suq domestiku nstab li ma kienx rappreżentattiv.

(40) Peress li l-prodott simili ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal Acron skont l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(41) Il-valur normali għalhekk inħadem biż-żieda ta' dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produttur esportatur li kkoopera matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) l-ispejjeż medji ponderati ta' bejgħ, dawk ġenerali u dawk amministrattivi ("SG&A", selling general and administrative) imġarrba mill-produttur esportatur li kkoopera inkluż fil-kampjun, fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament normali tal-kummerċ, matul il-PI; kif ukoll

(b) il-profitt medju ponderat magħmul mill-prodottur esportatur li kkoopera mill-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament normali tal-kummerċ, matul il-PI.

(42) Il-kostijiet tal-manifattura li ntużaw sabiex jinħadem il-valur normali ġew aġġustati kif spjegat fil-premessi minn (52) sa (55) u minn (59) sa (60).

(43) Fil-każ ta' Eurochem, fuq il-bażi tat-test tar-rappreżentattività deskritt fil-premessa (38), instab li l-prodott simili nbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku. L-investigazzjoni sabet li fil-PI, Eurochem kien qed jipproduċi, ibiegħ fis-suq domestiku u jesporta lejn l-Unjoni tip wieħed ta' prodott biss, UAN b'kontenut ta' nitroġenu ta' 32 %. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn teżamina jekk il-kwantitajiet ta' bejgħ domestiku għal kull tip ta' prodott identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kinux rappreżentattivi.

(44) Il-Kummissjoni mbagħad iddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lil konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku reali għall-kalkolu tal-valur normali, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(45) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għat-tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ ikunx profittabbli jew le, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkolat tal-produzzjoni, jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(46) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dan it-tip ta' prodott matul il-PI.

(47) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku profitabbli biss tat-tipi ta' prodotti matul il-PI, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ profittabbli ta' dan it-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew anqas tal-volum tal-bejgħ totali ta' dan it-tip: jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(48) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li anqas minn 15 % tal-bejgħ domestiku kollu ħalla profitt u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien aktar baxx mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.

(49) Il-kostijiet tal-manifattura, billi huma parti mill-kost tal-produzzjoni użat għat-test tal-andament normali tal-kummerċ ("OCOT", ordinary course of trade test) deskritt fil-premessi minn (45) sa (48), ġew aġġustati kif spjegat fil-premessi minn (52) sa (55) u minn (59) sa (60).

(50) Eurochem sostna li fil-kalkolu tal-prezz tal-bejgħ domestiku nett, jenħtieġ li jiġi applikat kumpens addizzjonali għall-kostijiet SG&A tal-kummerċjant domestiku relatat u għal parti mill-kostijiet SG&A taż-żewġ produtturi fl-istess grupp. Huwa sostna li dawn il-kostijiet irriżultaw minn livell differenti ta' kummerċ tal-bejgħ domestiku meta mqabbel mal-bejgħ għall-esportazzjoni, jiġifieri mill-fatt li, permezz tal-kummerċjanti relatati tiegħu, il-maġġoranza tal-bejgħ domestiku jinbiegħ direttament lill-bdiewa.

(51) Madankollu, kumpens bħal dan ma jkunx jirrifletti sew il-prezz ta' bejgħ domestiku nett meta normalment il-kostijiet SG&A tal-kummerċjanti domestiċi relatati u dawk tal-produtturi ma jintaqqsux biex jirriflettu sew il-prezz imħallas jew li għandu jitħallas, f'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, fis-suq domestiku. Għalhekk din it-talba ma ntlaqgħetx.

(52) Il-gass naturali huwa l-materja prima prinċipali fil-proċess ta' manifattura tal-UAN u jirrappreżenta proporzjon sinifikanti, aktar minn 50 % ([4]), tal-kost totali tal-produzzjoni. Wara l-pretensjoni mill-ilmentatur u s-sejbiet tal-investigazzjonijiet preċedenti dwar fertilizzanti li joriġinaw mir-Russja, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-kostijiet tal-gass naturali assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-rekords tal-produtturi esportaturi Russi, skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.

(53) L-investigazzjoni sabet li l-prezzijiet tal-gass naturali fir-Russja huma regolati mill-Istat permezz ta' liġijiet federali u huma bbażati fuq objettivi ta' politika. Il-prezzijiet tal-gass naturali fir-Russja ma jirriflettux kundizzjonijiet normali tas-suq. Skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq, il-prezzijiet jiġu normalment stabbiliti mill-kostijiet tal-produzzjoni u mill-aspettativi ta' profitt. B'kuntrast ma' dan, fir-Russja, il-prezzijiet stabbiliti mill-Istat huma direttament applikabbli għal Gazprom, il-fornitur tal-gass Russu tal-istat. Gazprom huwa l-akbar fornitur tal-gass fil-pajjiż b'sehem mis-suq li jaqbeż il-50 % u għalhekk jagħixxi bħala entità li tistabbilixxi l-prezzijiet. L-investigazzjoni kkonfermat din l-imġiba ta' stabbiliment tal-prezzijiet, fejn il-forniturі tal-gass l-oħra kollha jbigħu bi prezzijiet baxxi simili. Barra minn hekk, Gazprom huwa s-sid tal-gassdotti li permezz tagħhom il-gass kollu, inkluż dak fornut mill-produtturi indipendenti, jiġi trasportat b'tariffi li huma regolati wkoll.

(54) Rigward l-aġġustament tal-gass, il-GOR u żewġ produtturi esportaturi Russi li kkooperaw sostnew li:

(a) il-prezzijiet tal-gass naturali fir-Russja mhumiex mgħawġa billi dawn jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq, fejn il-prezzijiet jiġu stabbiliti prinċipalment mill-kostijiet tal-produzzjoni u l-aspettattivi ta' profitt; jiġifieri l-prezz irregolat ikopri l-kostijiet kollha ta' Gazprom;

(b) anki jekk il-prezz tal-gass naturali domestiku regolat ta' Gazprom jinstab li huwa mgħawweġ, l-aġġustament għall-gass jenħtieġ li jiġi applikat biss għall-prezz tal-gass, eskluži l-ispejjeż tat-trasport;

(c) ma għandu jiġi applikat l-ebda aġġustament għall-gass naturali mixtri mingħand forniturі domestiċi indipendenti minn Gazprom; kif ukoll

(d) il-prezz ta' Waidhaus mhuwiex indikatur xieraq tal-prezz tal-gass naturali bbażat fuq is-suq.

(55) Bi tweġiba għal dawn il-kummenti, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li:

(a) is-sejbiet tal-investigazzjoni ma kinux jappoġġaw il-pretensjoni li l-prezz domestiku regolat ikopri l-kostijiet kollha ta' Gazprom. Għalkemm Gazprom hija kumpanija profittabbli skont il-kontijiet awditjati tagħha, il-profitti huma ġġenerati mill-bejgħ għall-esportazzjoni tal-kumpanija billi l-prezzijiet tal-esportazzjoni huma ferm ogħla mill-prezzijiet domestiċi. Barra minn hekk, wieħed mill-fatturi kkunsidrati għall-kalkolu tal-livell tal-prezz domestiku rregolat ([5]) huwa l-projezzjoni tal-profitti mill-forniment tal-gass għall-esportazzjoni. Għalhekk, wieħed jista' jassumi li kieku Gazprom kellu biss bejgħ domestiku, ma jkunx profittabbli. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-GOR, il-Kummissjoni ma kinitx tista' teżamina d-dettalji tal-kalkolu tal-prezz domestiku rregolat għal Gazprom matul il-PI. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-intervent tal-GOR fuq is-suq tal-gass jaffettwa l-affidabilità tal-kostijiet irrapportati ta' Gazprom. Tabilħaqq, fl-assenza ta' tali intervent, Gazprom ikun jopera fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali normali, msejsa fuq l-irkupru ta' kostijiet u profitt, ukoll fir-rigward tal-bejgħ domestiku tiegħu. Ma waslet l-ebda evidenza għand il-Kummissjoni li turi li l-prezzijiet ta' gass naturali kienu nnegozjati b'mod liberu bejn iż-żewġ produtturi esportaturi u l-forniturі tagħhom, li huma ggwidati biex isegwu l-prezz domestiku regolat.

(b) skont l-informazzjoni riċevuta mingħand il-produtturi esportaturi Russi li kkooperaw ([6]), ir-regolamentazzjoni tal-Istat Russu tapplika wkoll għat-tariffi tat-trasport (anki ta' kumpaniji indipendenti) jekk jintużaw il-gassdotti ta' Gazprom ([7]). L-Istat Russu jirregola wkoll il-prezzijiet tas-servizzi ta' appoġġ loġistiku u t-tariffi tal-provvista u s-servizzi.

(c) kif spjegat fil-premessa (53), filwaqt li titqies il-pożizzjoni dominanti ta' Gazprom fis-suq tal-gass Russu, il-forniturі tal-gass indipendenti jsegwu l-prezz regolat u għalhekk ibigħu f'livelli baxxi simili. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-kontijiet awditjati tal-akbar fornitur privat tal-gass naturali fir-Russja – Novatek ([8]).

([4]) Fuq il-bażi tal-kontijiet oriġinali tal-kostijiet tal-kumpaniji Russi qabel l-"aġġustament għall-gass".
([5]) L-Artikolu 11 u 14 tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 1021 tad-29 ta' Diċembru 2000
([6]) Is-sottomissjoni ta' Acron tat-22 ta' Ottubru 2018 kienet il-verżjoni aġġornata tal-preżentazzjoni tal-GOR imħejjija għall-Investigazzjoni tad-Dazju Kumpensatorju tal-Istati Uniti rigward Prodotti Ċatti tal-Azzar Illaminati fil-Kiesaħ li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa
([7]) Fil-prattika, dawn huma l-gassdotti kollha fir-Russja ħlief ċerti konnessjonijiet lokali żgħar bejn il-fabbrika u l-gassdott prinċipali
([8]) Ara r-Rapport Annwali Awditjat tal-2017 ta' Novatek (paġna 71) – l-Esebit miftuħ C-9-2 l-Anness O tat-tweġiba għall-Kwestjonarju minn Eurochem (NAK)

(d) Il-prezz ta' Waidhaus instab li kien parametru referenzjarju xieraq f'investigazzjonijiet preċedenti fejn sar aġġustament għall-gass ([9]). Barra minn hekk, fil-PI, il-livell tal-prezzijiet ta' Waidhaus kien viċin ta' kwotazzjonijiet importanti oħra tal-prezzijiet fl-Ewropa (UK Heren NBP Index, Netherlands TTF DA Heren Index) ([10]). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset li l-prezz tal-Istati Uniti (US Henry Hub Index), propost mill-partijiet interessati Russi bħala parametru referenzjarju alternattiv, ma jkunx xieraq meta wieħed iqis ir-reġjun ġeografiku differenti, it-tip differenti ta' sorsi tal-gass naturali (gass tax-shale) u l-possibbiltajiet limitati tal-Istati Uniti li jesportaw il-gass naturali f'forma gassuża (gass naturali kkompressat jew CNG, compressed natural gas).

(56) Fl-aħħar nett, il-GOR u l-produtturi esportaturi Russi li kkooperaw invokaw deċiżjoni reċenti tal-bord tad-WTO fit-tilwima bejn ir-Russja u l-Ukrajna fid-"DS493 - Ukrajna - Miżuri Anti-Dumping dwar in-Nitrat tal-Ammonju" li ma aċċettax l-aġġustament għall-gass magħmul mill-Ukrajna.

(57) Jenħtieġ li jiġi nnotat li r-rapport tal-bord tad-WTO fid-DS493 jirrigwarda tilwima bejn ir-Russja u l-Ukrajna li fiha r-Russja kkontestat id-determinazzjonijiet milħuqa mill-Ukrajna. L-Unjoni ma kinitx involuta f'dan il-każ. Kif innutat mill-Bord f'dan il-każ, il-kwistjoni dwar jekk ir-rekords tal-esportaturi jew tal-produtturi jirriflettux b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi kkunsidrat "hija kwistjoni li jeħtieġ tiġi evalwata fuq bażi ta' każ b'każ, waqt li jitqiesu l-evidenza quddiem l-awtorità investigattiva, u d-determinazzjoni li din turi" ([11]). Filwaqt li dan fih innifsu diġà juri l-irrelevanza tar-rapport tal-bord għall-investigazzjoni preżenti, il-Kummissjoni tinnota wkoll li r-rapport tal-bord attwalment jinsab taħt appell. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx il-kumment marbut mar-rapport tal-bord.

(58) Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn il-pretensjonijiet u qieset l-aġġustament għall-gass bħala ġustifikat skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja ([12]).

(59) Wara dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni, bħalma għamlet f'investigazzjonijiet preċedenti li jikkonċernaw fertilizzanti li joriġinaw mir-Russja, aġġustat il-prezz Russu tal-gass naturali billi ssostitwiet il-prezz domestiku Russu mgħawweġ bi prezz referenzjarju internazzjonali mhux mgħawweġ ("aġġustament għall-gass"). Bħala prezz referenzjarju, il-Kummissjoni użat l-hekk imsejjaħ prezz ta' Waidhaus, li huwa l-prezz tal-gass Russu esportat fil-fruntiera Ġermaniża / Ċeka. Il-prezz ġie aġġustat kif dovut għal-livell tal-fabbrika tal-produtturi Russi.

(60) Hemm erba' inputs intermedji sekwenzjali fil-produzzjoni tal-UAN (l-ammonijaka, l-aċidu nitriku, is-soluzzjoni tan-nitrat tal-ammonju u l-urea). Il-gass naturali jintuża biex tiġi manifatturata l-ammonijaka. Wara li aġġustat il-kost tal-gass naturali fil-kost tal-manifattura tal-ammonijaka, il-Kummissjoni ssostitwiet il-kost aġġustat tal-manifattura tal-ammonijaka bil-kost tal-manifattura tat-tieni prodott intermedju, l-aċidu nitriku, li tiegħu l-ammonijaka hija materja prima diretta. Dan l-"effett ta' kaskata" baqa' għaddej, waqt li ppermetta l-aġġustament għall-gass jiġi mgħoddi għas-soluzzjoni tan-nitrat tal-ammonju, imbagħad għall-urea u fl-aħħar nett għall-UAN.

(61) Minħabba l-profittabbiltà għolja tal-bejgħ domestiku ta' Acron, l-aġġustament għall-gass ma affettwax il-valur normali kkalkulat għal Acron. It-tranżazzjonijiet domestiċi kollha tal-kumpanija Acron xorta baqgħu profittabbli wara l-aġġustament għall-gass. Għalhekk, fil-ħidma tal-valur normali għal Acron, kif deskritt fil-premessa (41), iż-żieda fil-kost tal-manifattura ġiet ikkontrobilanċjata eżattament minn tnaqqis fil-profitt li rriżulta mill-bejgħ domestiku profittabbli.

3.1.3. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(62) Kif spjegat fil-premessi minn (36) sa (37), il-produtturi esportaturi Russi li kkooperaw kienu jesportaw lejn l-Unjoni jew direttament lill-klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala importaturi, esportaturi jew kummerċjanti.

(63) Fejn il-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li tħallas attwalment jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

([9]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (it-Tmien Awla) tas-7 ta' Frar 2013, - EuroChem Mineral u Chemical Company OAO (EuroChem MCC) v Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea T- 84/07, ECLI:EU:T:2013:64, u s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (it-Tmien Awla) tas-7 ta' Frar 2013, - Acron OAO v il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, T-118/10, ECLI:EU:T:2013:67.

([10]) Ara l-BP Statistical Review of World Energy 2018

([11]) Ir-Rapport tal-Bord, *Ukraine – Anti-dumping measures on Ammonium Nitrate*, WT/DS493/R, il-para. 7.85.

([12]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (it-Tmien Awla) tas-7 ta' Frar 2013, - EuroChem Mineral u Chemical Company OAO (EuroChem MCC) v Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, T118/10, ECLI:EU:T:2013:67; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (it-Tmien Awla) tas-7 ta' Frar 2013, - Acron OAO v Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, T- 84/07, ECLI:EU:T:2013:64.

(64) Meta l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala importaturi, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti fil-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A u l-kostijiet tad-dilwizzjoni; u għal profitt raġonevoli.

(65) Rigward il-kostijiet tad-dilwizzjoni, speċifiċi għal dan il-każ, il-produtturi esportaturi Russi esportaw biss UAN b'kontenut ta' nitroġenu ta' 32 % matul il-PI. L-importaturi relatati, madankollu, biegħu lill-klijenti indipendenti UAN b'kontenut ta' nitroġenu ta' 32 % jew anqas. Għalhekk, fejn il-prodott ikkonċernat ġie dilwit bl-ilma sabiex jinkiseb kontenut aktar baxx ta' nitroġenu, l-aġġustament imsemmi fil-premessa (64) kien jinkludi wkoll il-kostijiet addizzjonali tad-dilwizzjoni mġarrba mill-importatur relatat.

3.1.4. *Tqabbil*

(66) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fuq bażi ta' prezz mill-fabbrika.

(67) Fejn ġustifikat mill-ħtieġa li jkun żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għall-ħlasijiet fuq l-importazzjoni u t-taxxi indiretti; ir-roħs, ir-ribassi u d-differenzi fil-kwantitajiet; il-kostijiet tat-trasport, tal-assigurazzjoni, tal-immaniġġar, tat-tagħbija u l-kostijiet anċillari; il-kost tal-kreditu; il-kostijiet SG&A tal-esportaturi relatati, inkluża ż-żieda fuq il-prezz.

3.1.5. *Marġni tad-dumping*

(68) Għall-produtturi esportaturi Russi, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikolu 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku.

(69) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping medji ponderati provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej: 31,9 % għal Acron u 34,0 % għal Eurochem.

(70) Il-prezz CIF użat biex jiġu kkalkulati l-marġnijiet tad-dumping inħadem għal kull tranżazzjoni (abbażi tal-prezzijiet tat-trasferiment fil-każ ta' bejgħ mill-ġdid mill-importaturi relatati) fil-fruntiera fejn seħħ l-iżdoganar, li tista' ma tkunx l-istess fruntiera fejn l-oġġetti jkunu qasmu fiżikament il-fruntiera tal-Unjoni.

(71) Għall-produtturi esportaturi potenzjali l-oħrajn kollha fir-Russja, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Russi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-volum totali ta' esportazzjoni — kif irrapportat fl-istatistika tal-importazzjonijiet tal-Eurostat — mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni.

(72) L-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi Russi li kkooperaw kienu jikkonstitwixxu 100 % tal-esportazzjonijiet totali mir-Russja lejn l-Unjoni matul il-PI. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġni residwu ta' dumping fil-livell tal-kumpanija li kkooperat mal-ogħla marġni tad-dumping, jiġifieri l-Eurochem Group.

(73) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġni provviżorju ta' dumping
Acron Group	31,9 %
Eurochem Group	34,0 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	34,0 %

3.2. **Trinidad u Tobago**

3.2.1. *Il-valur normali*

(74) MHTL, il-produttur esportatur li kkoopera, kien l-uniku produttur apparenti tal-prodott ikkonċernat fi TT matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(75) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' MHTL kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(76) Billi ma kien hemm ebda bejgħ ta' prodott simili fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali skont l-Artikolu 2(3) u 2(6)(b) tar-Regolament bażiku.

(77) Il-valur normali nħadem billi żdied dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produttur esportatur li kkoopera matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) l-ammonti reali ta' spejjeż SG&A applikabbli għall-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, mġarrba minn MHTL fis-suq domestiku ta' TT;

(b) l-ammont reali ta' profitt applikabbli għall-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, realizzat minn MHTL fis-suq domestiku ta' TT.

(78) Fis-sottomissjoni ta' wara l-verifika tat-12 ta' Diċembru 2018, MHTL sostna li jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-SG&A applikabbli għall-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, imġarrba fis-suq domestiku ta' TT. Billi MHTL ipprovda biżżejjed ġustifikazzjoni li tali approċċ ikun konformi mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni aċċettat din il-pretensjoni.

(79) Skont l-Artikolu 2(3) u 2(6)(b), il-Kummissjoni użat ukoll il-profitt realizzat minn MHTL fuq il-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-istess kategorija ta' prodott kif imsemmi fil-premessa (78).

3.2.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(80) MHTL esporta lejn l-Unjoni biss permezz ta' kumpaniji relatati li kienu jaġixxu bħala importaturi fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-bejgħ kollu lejn l-Unjoni twettaq permezz ta' importatur relatat fil-Ġermanja. Dan l-importatur relatat kien ibigħ il-prodott ikkonċernat lil klijenti indipendenti fil-Ġermanja jew lil kumpaniji relatati fi Franza u Spanja, li min-naħa tagħhom kienu jbigħu l-prodott ikkonċernat lil klijenti indipendenti fis-swieq nazzjonali rispettivi tagħhom.

(81) Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti fil-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A u l-kostijiet tad-dilwizzjoni u t-taħlit; u għal profitt raġonevoli.

(82) Rigward il-kostijiet tad-dilwizzjoni u t-taħlit, speċifiċi għal dan il-każ, MHTL esporta biss UAN b'kontenut ta' nitroġenu ta' 32 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. L-importaturi relatati, madankollu, kienu jbigħu lill-klijenti indipendenti UAN b'kontenut ta' nitroġenu jew ta' 32 % jew anqas. Għalhekk, fil-każ li fih il-prodott ikkonċernat ġie dilwit bl-ilma jew tħallat bil-kubrit sabiex jinkiseb kontenut aktar baxx ta' nitroġenu, l-aġġustament imsemmi fil-premessa (81) kien jinkludi wkoll il-kostijiet addizzjonali tad-dilwizzjoni u t-taħlit imġarrba mill-importatur relatat.

3.2.3. *Tqabbil*

(83) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ta' MHTL fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(84) Fejn ġustifikat mill-ħtieġa li jkun żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u / jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għar-roħs, ir-ribassi u d-differenzi fil-kwantitajiet; it-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, kostijiet tat-tagħbija u dawk anċillari, u kostijiet tal-kreditu.

3.2.4. *Marġni tad-dumping*

(85) Għal MHTL, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(86) Fuq din il-bażi, il-marġni medju ponderat ta' dumping provviżorju, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, jammonta għal 55,9 %.

(87) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fi TT, f'każ li jkun hemm oħrajn barra MHTL, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum tal-esportazzjonijiet tal-produttur esportatur li kkoopera, lejn l-Unjoni, espress bħala proporzjon tal-volum totali ta' esportazzjoni — kif irrapportat fl-istatistika tal-Eurostat dwar l-importazzjoni — minn TT lejn l-Unjoni.

(88) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produttur esportatur li kkoopera, jiġifieri ta' MHTL, kienu jammontaw għal 100 % tal-esportazzjonijiet totali minn TT lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġni residwu tad-dumping fil-livell ta' MHTL.

(89) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġni provviżorju ta' dumping
Methanol Holdings (Trinidad) Limited	55,9 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	55,9 %

3.3. **L-Istati Uniti tal-Amerka**

3.3.1. *Il-valur normali*

(90) Fl-ilment, l-ilmentatur ipprovda informazzjoni li hemm mill-anqas żewġ produtturi tal-UAN fl-Istati Uniti. L-investigazzjoni kkonfermat li hemm aktar produtturi tal-prodott ikkonċernat mill-uniku produttur esportatur li kkoopera, CFI. Madankollu, kien apparenti wkoll li CFI biss esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(91) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' CFI kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun mill-inqas 5 % tal-volum tal-bejgħ totali tiegħu għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali ta' CFI tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(92) Il-Kummissjoni ddeterminat li CFI kien jesporta biss tip wieħed ta' prodott ta' UAN lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri UAN b'kontenut ta' nitroġenu ta' 32 %. Il-Kummissjoni sussegwentement identifikat it-tipi ta' prodott mibjugħa lokalment minn CFI li kienu identiċi jew komparabbli mat-tip ta' prodotti mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(93) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' CFI fis-suq domestiku tagħha għat-tip ta' prodott li huwa identiku jew paragunabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil konsumaturi indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ b'esportazzjoni tal-prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-bejgħ domestiku tat-tip ta' prodott identiku jew paragunabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, kien rappreżentattiv matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(94) Il-Kummissjoni mbagħad iddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għat-tip ta' prodott inkwistjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku reali għall-kalkolu tal-valur normali, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(95) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profitabbli jew le, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkolat tal-produzzjoni, jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(96) F'dan il-każ, il-valur normali huwa medju ponderat tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dan it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(97) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku profittabbli biss tat-tipi ta' prodotti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ bi profitt, tat-tip ta' prodott, jirrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip, jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(98) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li 60 sa 80 % ([13]) tal-bejgħ domestiku kollu tat-tip ta' prodott li huwa identiku jew paragunabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kien profittabbli u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.

3.3.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(99) CFI esporta lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti.

(100) F'dan il-każ, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz realment imħallas jew pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.3.3. *Tqabbil*

(101) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali ta' CFI u l-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(102) Fejn ġustifikat mill-ħtieġa li jkun żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u / jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għall-ħlasijiet fuq l-importazzjoni u t-taxxi indiretti; ir-roħs, ir-ribassi u d-differenzi fil-kwantitajiet; il-kostijiet tat-trasport, tal-assigurazzjoni, tal-immaniġġar, tat-tagħbija u l-kostijiet anċillari u l-kost fuq il-kreditu.

3.3.4. *Marġni tad-dumping*

(103) Għal CFI, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat tat-tip rispettiv tal-prodott simili mal-medja ponderata tal-prezz tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(104) Fuq din il-bażi, il-marġni medju ponderat ta' dumping provviżorju, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, jammonta għal 37,3 %.

(105) Għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha fl-Istati Uniti, jekk ikun hemm oħrajn minbarra l-uniku produttur esportatur apparenti li qiegħed jikkoopera fl-investigazzjoni (CFI), il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, lejn l-Unjoni, espress bħala proporzjon tal-volum totali ta' esportazzjoni — kif irrapportat fl-istatistika tal-Eurostat dwar l-importazzjoni — mill-Istati Uniti lejn l-Unjoni.

(106) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet ta' CFI kienu jikkostitwixxu 100 % tal-esportazzjonijiet totali mill-Istati Uniti lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġni residwu tad-dumping fil-livell tal-produttur esportatur li kkoopera, jiġifieri CFI.

(107) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġni provviżorju ta' dumping
CF Industries Holdings, Inc.	37,3 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	37,3 %

([13]) Iċ-ċifra eżatta mhijiex ipprovduta billi din hija *data* speċifika tal-kumpanija.

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-Industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(108) Il-prodott simili kien manifatturat minn 20 produttur magħruf fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(109) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni waqt il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita għal madwar 3,9 miljun tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, jiġifieri l-istħarriġ dwar il-produzzjoni ta' Fertilizers Europe u Fertecon (Fertecon huwa fornitur rikonoxxut ta' intelliġenza dwar is-swieq globali tal-fertilizzanti). Kif indikat fil-premessa (12), fil-kampjun intgħażlu tliet produtturi tal-Unjoni li kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. Il-konsum fl-Unjoni

(110) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni flimkien mal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha kif irreġistrati fil-Eurostat.

(111) Il-konsum fl-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2015	2016	2017	PI
Konsum totali tal-Unjoni	4 803 732	4 658 736	4 783 671	4 571 721
Indiċi	*100*	*97*	*100*	*95*

Sors: Fertilizers Europe u Eurostat

(112) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni varja bi tnaqqis globali ta' 5 %. Fl-2016 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, nixfa fis-swieq ewlenin tal-UAN kienet tfisser li l-użu mill-bdiewa naqas b'konsegwenza ta' dan.

4.3. Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

4.3.1. *Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(113) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati għandhomx jiġu vvalutati b'mod kumulattiv skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(114) Din id-dispożizzjoni tistipula li l-importazzjonijiet minn aktar minn pajjiż wieħed għandhom jiġu vvalutati b'mod kumulattiv biss jekk ikun iddeterminat li:

(a) il-marġni tad-dumping stabbilit fir-rigward tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ikun aktar minn *de minimis* kif definit fl-Artikolu 9(3) u l-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ma jkunx negliġibbli; kif ukoll

(b) valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet tkun xierqa fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u l-prodott simili tal-Unjoni.

(115) Il-marġnijiet tad-dumping stabbiliti fir-rigward tal-importazzjonijiet minn kull wieħed mit-tliet pajjiżi kkonċernati kienu ogħla mil-limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku. Il-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ikkonċernat ma kienx negliġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. Tabilħaqq, l-ismha mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu ta' 13,4 % fir-rigward tal-importazzjonijiet mir-Russja, 8,1 % minn TT u 16,2 % mill-Istati Uniti.

(116) Il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet l-oġġett ta' dumping mir-Russja, minn TT u mill-Istati Uniti u bejn l-importazzjonijiet l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u l-prodott simili tal-Unjoni, kienu simili. B'mod aktar speċifiku, il-prodotti importati kienu f'kompetizzjoni ma' xulxin u mal-UAN prodott fl-Unjoni minħabba li jinbiegħu bl-istess mezzi ta' bejgħ u lil kategoriji simili ta' klijenti. Il-prodott ikkonċernat huwa komodità omoġenju u l-kompetizzjoni li kien hemm kienet ibbażata fil-biċċa l-kbira fuq il-prezz waħdu.

(117) Għalhekk, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u l-importazzjonijiet mir-Russja, minn TT u mill-Istati Uniti kienu eżaminati b'mod kumulattiv għall-iskopijiet ta' determinazzjoni tad-dannu.

(118) F'seduta ta' smigħ, MHTL sostna li l-importazzjonijiet minn TT m'għandhomx jiġu akkumulati minħabba li i) il-prezzijiet minn TT kienu konsistentement ogħla mill-prezzijiet mill-Istati Uniti u r-Russja, ii) il-volumi tal-importazzjonijiet naqsu matul il-perjodu kkunsidrat (b'differenza minn dawk mill-Istati Uniti u r-Russja), iii) MHTL huwa parti minn grupp Ewropew, iv) MHTL isegwi l-prezzijiet u v) TT huwa pajjiż li qiegħed jiżviluppa, Membru tad-WTO.

(119) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn il-pretensjonijiet. Id-deċiżjoni dwar jekk l-importazzjonijiet għandhomx jiġu valutati b'mod kumulattiv jew le trid tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, li f'dan il-każ ġew issodisfati kif sottolinjat fil-premessi minn (114) sa (117). L-ebda wieħed mill-aspetti mqajma mill-MHTL ma jista' jqajjem dubji dwar l-adegwadezza tal-eżaminar ta' importazzjonijiet minn TT flimkien ma' dawk mir-Russja u mill-Istati Uniti ([14]).

4.3.2. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(120) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit billi l-volum tal-importazzjonijiet ġie mqabbel mal-konsum tal-Unjoni.

(121) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum ta' importazzjoni (tunnellati) u sehem mis-suq

	2015	2016	2017	PI
Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (tunnellati)	1 051 602	1 581 863	1 647 295	1 723 839
Indiċi	*100*	*150*	*157*	*164*
Sehem mis-suq	21,9 %	34,0 %	34,4 %	37,7 %
Indiċi	*100*	*155*	*157*	*172*
Volum tal-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa (tunnellati)	339 075	582 906	557 966	613 491
Indiċi	*100*	*172*	*165*	*181*
Sehem mis-suq	7,1 %	12,5 %	11,7 %	13,4 %
Indiċi	*100*	*177*	*165*	*190*
Volum tal-importazzjonijiet minn Trinidad u Tobago (tunnellati)	488 392	452 194	444 290	368 178
Indiċi	*100*	*93*	*91*	*75*
Sehem mis-suq	10,2 %	9,7 %	9,3 %	8,1 %
Indiċi	*100*	*95*	*91*	*79*
Volum tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti (tunnellati)	224 136	546 763	645 040	742 170
Indiċi	*100*	*244*	*288*	*331*
Sehem mis-suq	4,7 %	11,7 %	13,5 %	16,2 %
Indiċi	*100*	*252*	*289*	*348*

Sors: Eurostat

(122) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'64 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda fis-sehem mis-suq kienet saħansitra aktar evidenti hekk kif is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati żdied bi 72 %, minn 21,9 % fl-2015 għal 37,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Billi l-konsum naqas b'5 % matul l-istess perjodu, iż-żieda qawwija fis-sehem mis-suq mill-pajjiżi kkonċernati kienet b'mod ċar għad-detriment ta' parteċipanti oħra fis-suq.

([14]) Ara wkoll ir-Rapport tal-Bord, *EU – Footwear* (WT/DS405/R), il-para. 7.403.

4.3.3. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqigħ tal-prezz*

(123) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat. Huwa importanti li jiġi ċċarat li l-livell ta' dawn il-prezzijiet statistiċi jista' jkun differenti mill-prezzijiet verifikati, għall-prodotturi esportaturi bħala tali li kooperaw, billi l-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati jsiru permezz ta' importaturi relatati.

(124) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppa hekk:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2015	2016	2017	PI
Il-Federazzjoni Russa	179	130	135	126
Indiċi	*100*	*73*	*75*	*70*
Trinidad u Tobago	197	151	141	140
Indiċi	*100*	*77*	*72*	*71*
Stati Uniti	188	137	126	124
Indiċi	*100*	*73*	*67*	*66*
Pajjiżi Kkonċernati	189	138	133	128
Indiċi	*100*	*73*	*70*	*68*

Sors: Eurostat

(125) Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati naqsu b'medja ta' 32 %. Fil-fatt, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mit-tliet pajjiżi kkonċernati kollha naqsu bejn 30 % u 34 % skont il-pajjiż. Dan it-tnaqqis kien partikolarment evidenti fl-2016 meta l-prezzijiet tal-materja prima (prinċipalment il-gass) naqsu. Madankollu, fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet naqsu b'4 %, b'differenza mill-prezzijiet tal-materja prima, li għolew.

(126) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

— il-prezzijiet medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-prodotturi esportaturi li kkooperaw fil-pajjiżi kkonċernati, lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbilit fuq bażi tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni; kif ukoll

— il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-prodotturi tal-Unjoni fil-kampjun, mitluba lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni.

(127) Il-Kummissjoni normalment tqabbel il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, tal-prodotturi esportaturi, mal-prezz mill-fabbrika tal-prodotturi tal-Unjoni minħabba li tali approċċ ġeneralment jipprovdi tqabbil ġust. Madankollu l-investigazzjoni żvelat li hemm ċirkustanzi eċċezzjonali f'dan il-każ billi, għal madwar terz tat-tranżazzjonijiet ta' bejgħ tal-prodotturi tal-Unjoni fil-kampjun, l-użu tal-prezz tal-bejgħ fil-livell tal-prezz mill-fabbrika jirriżulta fi prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni li ma jkunux f'livell komparabbli mal-prezzijiet tal-importazzjoni f'termini ta' kompetizzjoni.

(128) Fil-fatt, għal dak il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni li kien jinvolvi trasport bil-baħar għall-konsenja f'portijiet bħal Rouen (Franza) u Ghent (il-Belġju), instab xieraq li jintużaw il-prezzijiet għall-konsenja f'dak il-port minflok jiġu kkalkulati l-prezzijiet mill-fabbrika għal dak il-bejgħ. Dak il-bejgħ kien jirrappreżenta madwar 40 % tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Approċċ bħal dan kien jitqies bħala aktar bir-reqqa mill-użu tal-prezzijiet mill-fabbrika għar-raġunijiet li ġejjin:

(i) il-UAN huwa likwidu korrużiv u t-trasport lill-utenti u d-distributuri jinvolvi vetturi u faċilitajiet ta' ħażna speċjali. Dan iżid l-ispejjeż loġistiċi sal-punt li dawn l-ispejjeż ħafna drabi jkunu aktar minn 20 % tal-prezz tal-bejgħ tal-UAN mibjugħ fil-Punent tal-Ewropa u jistgħu jkunu sa 30 % tal-prezz tal-bejgħ għal ċerti termini ta' konsenja;

(ii) l-akbar żewġ produtturi fil-kampjun jinsabu fil-Polonja u l-Litwanja filwaqt li l-akbar swieq għall-UAN qegħdin fil-Punent tal-Ewropa li jfisser li l-ispejjeż loġistiċi huma partikolarment għoljin u jinvolvu trasport bil-baħar; dawn iż-żewġ produtturi jikkompetu fl-Ewropa tal-Lvant mal-importazzjonijiet Russi abbażi ta' prezzijiet EXW u CIF u fl-Ewropa tal-Punent abbazi ta' prezzijiet tal-konsenja, mal-importazzjonijiet ġejjin minn Trinidad u Tobago, mir-Russja u mill-Istati Uniti. Fil-fatt, ġie osservat li d-differenza ewlenija bejn il-prezz tal-bejgħ ta' dawn il-produtturi fl-Ewropa tal-Lvant u tal-Punent kienet l-ammont ta' dawn il-kostijiet loġistiċi u tat-trasport;

(iii) bosta partijiet interessati, inklużi produtturi esportaturi, indikaw li l-punt ta' tqabbil prinċipali għall-prezzijiet tal-UAN fil-Punent tal-Ewropa huwa l-prezz CIF (flimkien mad-dazju tal-importazzjoni jekk applikabbli) tal-konsenji lejn il-portijiet ta' Rouen (Franza) u Ghent (il-Belġju);

(iv) il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu kkonsenjati fuq bażi CIF f'tankers kbar tat-trasport bil-baħar lejn il-Punent tal-Ewropa. Dan kien jinvolvi kważi l-konsenji kollha li joriġinaw minn Trinidad u Tobago u l-Istati Uniti iżda wkoll kwantità kbira ta' bejgħ mill-Federazzjoni Russa;

(v) l-UAN huwa komodità omoġenja u għalhekk il-maġġoranza tal-klijenti jixtru l-prodott biss abbażi tal-prezz;

(vi) fil-livell tad-distributuri u tal-utenti finali, jista' jkun hemm nuqqas ta' traċċabilità tal-oriġini tal-prodott ikkonċernat minħabba li l-UAN ikkonsenjat f'portijiet fil-Punent tal-Ewropa bħal Rouen jew Ghent jinħażen fl-istess tankijiet, ikun xi jkun is-sors tiegħu; kif ukoll

(vii) il-kompetizzjoni tal-bejgħ mill-port tal-konsenja saret lill-istess klijenti kemm għall-importazzjonijiet kif ukoll għall-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni billi ntużaw incoterms komparabbli u ħafna drabi ġiet ikkonsenjata lill-klijenti fl-istess vetturi ta' konsenja.

(129) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, biex teżamina jekk hemmx twaqqigħ tal-prezz, huwa xieraq li jiġi aġġustat madwar terż tat-tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' żewġ produtturi tal-Unjoni fil-kampjun sabiex dan il-bejgħ ikun jista' jitqabbel f'dak li għandu x' jaqsam mal-kompetizzjoni reali tagħhom, mal-importazzjonijiet ikkonċernati. Għaż-żewġ terzi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, li ma kienx jinvolvi trasport bil-baħar, inżammet il-metodoloġija normali CIF vs ex-works.

(130) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif dovut fejn meħtieġ, u wara t-tnaqqis tar-rifużjonijiet u l-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 3,4 % għall-importazzjonijiet mir-Russja, 6,2 % għall-importazzjonijiet minn TT u 9,9 % għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti. Meta wieħed jikkunsidra li l-prodott ikkonċernat huwa komodità u li l-kompetizzjoni hija bbażata fil-biċċa l-kbira fuq il-prezz waħdu, u li l-prezzijiet tiegħu huma trasparenti ħafna (jiġifieri magħrufa fis-suq), marġni bħal dan huwa meqjus bħala sinifikanti. Differenza baxxa fil-prezz hija biżżejjed biex iġġiegħel lix-xerrej ibiddel il-fornituri. Dan kien ikkonfermat ukoll mit-tweġibiet tar-rappreżentattivi tal-utenti.

(131) Fil-perjodu ta' investigazzjoni, jekk wieħed iqabbel il-prezzijiet tal-bejgħ fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 6,8 %.

4.4. **Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(132) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt li għandhom l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(133) Kif imsemmi fil-premessa (13), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(134) Biex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* misjuba fit-tweġiba għall-kwestjonarju ta' Fertilizers Europe. Din id-*data* hija marbuta mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(135) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività u d-daqs tal-marġni tad-dumping.

(136) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-unità, il-kost tal-unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità ta' ġbir ta' kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(137) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat:

Tabella 4

Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2015	2016	2017	PI
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	4 238 411	3 695 546	4 253 903	3 890 476
Indiċi	*100*	*87*	*100*	*92*
Kapaċità tal-produzzjoni (unità tal-kejl)	8 055 000	8 205 000	8 385 000	8 385 000
Indiċi	*100*	*102*	*104*	*104*
Użu tal-kapaċità	53 %	45 %	51 %	46 %
Indiċi	*100*	*86*	*96*	*88*

Sors: tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju ta' Fertilizers Europe

(138) Fl-Unjoni, l-UAN normalment jiġi prodott f'siti kimiċi integrati. Dawn is-siti jikkonvertu l-gass u n-nitroġenu f'fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu u prodotti industrijali simili oħra bħall-melamina. Il-proċess tal-produzzjoni jinvolvi diversi stadji bħall-produzzjoni tal-ammonijaka u tal-aċidu nitriku u għalhekk jiddependi ħafna fuq l-aċċess għas-sorsi tal-gass (il-materja prima finali prinċipali) permezz ta' gassdotti jew terminals u jinvolvi użu intensiv ta' kapital. Il-produtturi jistgħu jibdlu l-produzzjoni bejn il-prodotti finali iżda din l-abbiltà hija limitata u tvarja bejn il-produtturi. Din tiddependi fuq il-konfigurazzjoni tas-sit integrat u fuq il-bażi ta' klijenti tal-produttur. Kull kumpanija tfittex li timmassimizza l-profittabbiltà tas-sit kollu kemm hu. Madankollu, din l-investigazzjoni tiffoka biss fuq l-UAN.

(139) B'mod ġenerali, il-produzzjoni tal-UAN naqset bi 8 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-produzzjoni naqset b'mod qawwi fl-2016, meta l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'50 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel u d-domanda kienet affettwata minn nixfa fis-swieq ewlenin tal-UAN. Għalkemm is-sitwazzjoni tjiebet fl-2017, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-UAN u fil-profittabilità wassal lil xi produtturi tal-Unjoni biex jaqilbu l-produzzjoni għal fertilizzanti oħra bbażati fuq in-nitroġenu fil-perjodu ta' investigazzjoni. Fejn din il-bidla fil-produzzjoni ma kinitx possibbli fuq bażi ekonomika, il-produtturi tal-Unjoni sofrew għeluq tal-produzzjoni.

(140) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'4 % filwaqt li l-użu tal-kapaċità naqas bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat. Kif innotat fil-premessa (138), il-kapaċità tal-produzzjoni kif ukoll l-użu tal-kapaċità għal dan it-tip ta' produzzjoni u l-industrija jistgħu jiġu affettwati mill-produzzjoni ta' prodotti oħra li jistgħu jiġu mmanifatturati bl-istess tagħmir tal-produzzjoni u dan huwa fil-fatt rifless f'dawn ix-xejriet.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(141) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 5

Il-volum ta ' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2015	2016	2017	PI
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	3 348 196	2 796 506	2 934 634	2 645 143
Indiċi	*100*	*84*	*88*	*79*
Sehem mis-suq	69,7 %	60,0 %	61,3 %	57,9 %
Indiċi	*100*	*86*	*88*	*83*

Sors: tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju ta' Fertilizers Europe

(142) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ġie kkalkulat fuq bażi makro tal-bejgħ lil partijiet mhux relatati u lil partijiet relatati. Madankollu, kwantità żgħira minn dan il-bejgħ (madwar 3 % tat-total) kienet tikkonsisti minn bejgħ mill-ġdid tal-produzzjoni minn importazzjonijiet ta' diversi sorsi. Dan it-tip ta' bejgħ huwa eskluż miċ-ċifri tal-volum tal-bejgħ mogħtija hawn fuq billi jenħieġ li dawn jinkludu biss il-bejgħ tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni. Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, dan il-bejgħ mill-ġdid ġie eskluż ukoll miċ-ċifri tal-konsum fil-premessa (114). Fuq din il-bażi, il-volum tal-bejgħ fl-Unjoni, tal-industrija tal-Unjoni, naqas b'21 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-bejgħ mitluf matul dan il-perjodu huwa qrib il-volum taż-żieda fil-bejgħ mill-pajjiżi kkonċernati.

(143) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 17 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan l-iżvilupp kien riżultat tal-kundizzjonijiet ħżiena tas-suq, speċjalment il-prezzijiet baxxi, li kien ifisser li l-volum tal-bejgħ tal-Unjoni ntilef għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

4.4.2.3. Tkabbir

(144) Iċ-ċifri ta' hawn fuq fir-rigward tal-produzzjoni, tal-volum tal-bejgħ u tas-sehem mis-suq juru li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tikber, f'termini assoluti jew fir-rigward tal-konsum, matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(145) Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, l-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej:

Tabella 6

Impjiegi u produttività

	2015	2016	2017	PI
Għadd ta' impjegati	2 164	2 029	2 104	2 005
Indiċi	*100*	*94*	*97*	*93*
Produttività (tunnellata / impjegat)	1 959	1 821	2 022	1 940
Indiċi	*100*	*93*	*103*	*99*

Sors: tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju ta' Fertilizers Europe

(146) Fid-dawl tad-deterjorament fiċ-ċirkustanzi tas-suq, l-għadd ta' impjegati tal-industrija tal-Unjoni naqas b'7 % matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, billi l-produzzjoni naqset saħansitra aktar, il-produttività xorta naqset b'1 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2.5. Il-kobor tal-marġni tad-dumping

(147) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta tqies il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(148) Il-prezzijiet medji ponderati ta' bejgħ għal kull unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej fil-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Prezzijiet ta' bejgħ fl-Unjoni

	2015	2016	2017	PI
Prezz ta' bejgħ medju EXW għal kull unità fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (EUR / tunnellata)	176	130	127	127
Indiċi	*100*	*74*	*72*	*72*
Kost ta' produzzjoni EXW għal kull unità (EUR / tunnellata)	146	115	123	130
Indiċi	*100*	*79*	*84*	*89*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(149) Il-prezzijiet ta' bejgħ naqsu bi 28 % matul il-perjodu kkunsidrat u l-kost ta' produzzjoni għal kull unità naqas bi 11 %. L-akbar tnaqqis fil-prezzijiet seħħ fl-2016, meta l-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'50 % u d-domanda kienet daqsxejn aktar dgħajfa. Ix-xejra tal-kost tal-produzzjoni kienet determinata prinċipalment mill-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-gass. Madankollu, iż-żidiet fil-kostijiet fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni ma kinux pariġġati minn żidiet korrispondenti fil-prezzijiet ta' bejgħ għall-prodott simili li għalhekk kienu soppressi aktar.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(150) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2015	2016	2017	PI
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	24 876	24 323	27 143	27 410
Indiċi	*100*	*98*	*109*	*110*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(151) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdiedu b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-kostijiet lavorattivi għal kull impjegat żdiedu speċjalment fl-2017 meta żdiedu l-produzzjoni u l-produttività.

4.4.3.3. Inventarji

(152) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Inventarji

	2015	2016	2017	PI
Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	83 826	54 411	72 814	38 961
Indiċi	*100*	*65*	*87*	*46*
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	3,7 %	2,7 %	3,2 %	1,8 %
Indiċi	*100*	*71*	*85*	*49*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(153) L-istokk tal-għeluq u l-istokk bħala perċentwal tal-produzzjoni naqsu matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, billi l-istokk bħala perċentwal tal-produzzjoni huwa baxx matul il-perjodu sħiħ u l-istokkijiet tal-għeluq huma soġġetti għal varjazzjonijiet staġjonali, dan il-fattur mhuwiex meqjus bħala indikatur siewi tad-dannu f'din l-investigazzjoni.

4.4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(154) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej fil-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2015	2016	2017	PI
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	14,0 %	10,0 %	1,1 %	– 3,5 %
Indiċi	*100*	*71*	*8*	*– 25*
Likwidità (EUR)	78 775 697	39 007 376	19 727 317	5 827 513
Indiċi	*100*	*50*	*25*	*7*
Investimenti (EUR)	18 082 767	15 044 306	5 110 610	8 593 605
Indiċi	*100*	*83*	*28*	*48*
Redditu fuq l-investimenti	57,2 %	28,3 %	7,9 %	– 8,7 %
Indiċi	*100*	*49*	*14*	*– 15*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(155) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà naqset b'mod sostanzjali matul il-perjodu kkunsidrat minħabba l-iżviluppi fil-prezzijiet medji tal-bejgħ u l-kostijiet tal-produzzjoni deskritti fil-premessa (152). Iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni mill-2017 u l-prezzijiet tal-bejgħ soppressi minħabba l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati wasslu biex l-industrija tal-Unjoni tagħmel it-telf fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(156) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-flussi tal-flus netti żviluppat b'mod negattiv matul il-perjodu kkunsidrat.

(157) Ir-redditu fuq l-investiment huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan żviluppa b'mod negattiv matul il-perjodu kkunsidrat, li jirrifletti x-xejriet deskritti qabel għall-profittabbiltà u l-flussi tal-flus.

(158) L-industrija tal-Unjoni kompliet tinvesti fil-perjodu kkunsidrat. L-investimenti saru sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-produzzjoni, jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, u għat-titjib ambjentali. Madankollu, l-investimenti kienu sostanzjalment aktar baxxi fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni milli fl-2015 u fl-2016. It-tnaqqis fil-livelli ta' investiment kien ikkawżat mit-tnaqqis fil-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital kif muri mid-deterjorament fis-sitwazzjoni tal-flussi tal-flus.

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(159) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni sofriet waqgħat kbar fil-prezzijiet tal-bejgħ (28 %) li flimkien maż-żieda fil-kostijiet fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni wasslu biex livell ta' profitt ta' 14 % fl-2015 jinbidel f'telf fil-perjodu ta' investigazzjoni. Din ix-xejra wasslet għal tnaqqis simili fil-flussi tal-fluss, fir-redditu fuq l-investiment u għal tnaqqis fl-investiment. Inħassu effetti negattivi sinifikanti wkoll f'indikaturi tal-volum bħall-produzzjoni, li naqset bi 8 %, il-volum tal-bejgħ, li naqas b'21 %, u s-sehem mis-suq, li niżel minn 69,7 % fl-2015 għal 57,9 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn l-iżviluppi ħallew lill-industrija tal-Unjoni f'sitwazzjoni vulnerabbli.

(160) Ftit ħafna mill-indikaturi eżaminati wrew żvilupp pożittiv. Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet bi ftit matul il-perjodu kkunsidrat iżda l-produzzjoni niżlet kif intqal fil-premessa ta' qabel. Barra minn hekk, l-istokkijiet naqsu iżda l-livell tal-istokkijiet huwa baxx matul il-perjodu sħiħ ikkunsidrat.

(161) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju għalhekk ikkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. **KAWŻALITÀ**

(162) Skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx attribwit lill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping. Fost l-oħrajn, dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, it-tnaqqis fil-konsum, l-iżviluppi fis-suq (dinji) tal-urea, iż-żidiet fil-prezzijiet tal-gass fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-prestazzjoni fl-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-kostijiet ogħla għall-produtturi tal-Unjoni u ċertu xiri u bejgħ ta' UAN mill-produtturi tal-Unjoni.

5.1. **L-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(163) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'64 % matul il-perjodu kkunsidrat, biex żiedu s-sehem mis-suq tagħhom bi 72 % kif muri fit-tabella 2. Dan l-iżvilupp seħħ minkejja tnaqqis ta' 5 % fil-konsum matul il-perjodu kkunsidrat.

(164) Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati naqsu b'medja ta' 32 %. Fil-fatt, il-prezzijiet tat-tliet pajjiżi kkonċernati kollha naqsu b'bejn 30 % u 34 % skont il-pajjiż. Dan it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ kien partikolarment evidenti fl-2016 meta, fl-istess ħin, il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdied b'50 % meta mqabbel mal-2015. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, jekk wieħed iqabbel il-prezzijiet tal-bejgħ fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 6,8 %.

(165) Huwa ċar li ż-żieda kbira fl-importazzjonijiet bi tnaqqis fil-prezzijiet kellha rwol sostanzjali fid-deterjorament rapidu tal-indikaturi ekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni. Żewġ fatturi speċifiċi għall-prodott aggravaw dan l-impatt. L-ewwel nett, l-UAN huwa komodità mibjugħa lill-klijenti kważi esklussivament abbażi tal-prezz. Għalhekk, differenza żgħira biss fil-prezz jista' jkollha konsegwenza sinifikanti. It-tieni, l-UAN huwa prodott likwidu li jirrikjedi tankijiet speċjali għall-ħażna li jfisser li l-prezzijiet tas-suq iridu jiġu aċċettati ftit wara l-waqt tal-produzzjoni, ikun xi jkun il-kost tal-produzzjoni applikabbli f'dak il-waqt.

(166) Il-prezzijiet tal-bejgħ baxxi mill-pajjiżi kkonċernati kienu l-aktar dannużi fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni meta l-kostijiet kienu qegħdin jiżdiedu minħabba l-prezzijiet ogħla tal-gass. Il-prezzijiet tal-bejgħ imnaqqsa tal-industrija tal-Unjoni, li ma setgħux jiġu miżjuda f'konformità maż-żieda fil-kostijiet minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet, wasslu għad-deterjorament tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li rriżulta f'telf sal-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, diversi produtturi għalhekk ma setgħux jevitaw waqfiet tal-produzzjoni u l-livelli ta' investiment naqsu b'mod sinifikanti. Dan min-naħa tiegħu kompla jaggrava d-dannu minħabba li l-investiment kontinwu f'impjant kimiku integrat huwa essenzjali għas-sopravivenza fit-tul.

(167) Xi partijiet invokaw nuqqas ta' korrelazzjoni bejn il-livell tal-importazzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejgħ u l-profitti tal-industrija tal-Unjoni fis-sens li l-prezzijiet tal-bejgħ u l-profitti tal-industrija tal-Unjoni kienu għoljin matul perjodi meta kien hemm importazzjonijiet sinifikanti u viċi versa. Madankollu, il-punti magħmula aktar 'il fuq f'din it-taqsima u l-inabilità tal-industrija tal-Unjoni li tieħu vantaġġ mis-suq domestiku tagħha daqs il-produtturi mill-pajjiżi kkonċernati huma evidenza tal-eżistenza tad-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħra**

5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(168) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

		2015	2016	2017	PI
Total tal-pajjiżi terzi ħlief il-pajjiżi kkonċernati	Volum (tunnellati)	403 934	280 367	201 741	202 738
	Indiċi	*100*	*69*	*50*	*50*
	Sehem mis-suq	8,0 %	5,7 %	3,8 %	4,1 %
	Indiċi	*100*	*72*	*48*	*51*
	Prezz medju	189	140	136	129
	Indiċi	*100*	*74*	*72*	*68*

Sors: Comext

(169) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (prinċipalment mill-Belarussja, mir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, mis-Serbja u mill-Alġerija) naqsu b'50 % matul il-perjodu kkunsidrat u fil-perjodu ta' investigazzjoni kellhom sehem mis-suq biss ta' 4,1 %.

(170) Għalhekk ġie konkluż b'mod provviżorju li dawn l-importazzjonijiet seta' kellhom biss impatt marġinali fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(171) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

	2015	2016	2017	PI
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	272 077	306 840	559 840	552 979
Indiċi	*100*	*113*	*206*	*203*
Prezz medju (EUR / tunnellata)	171	124	122	125
Indiċi	*100*	*72*	*72*	*73*

Sors: Fertilisers Europe u l-produtturi fil-kampjun

(172) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni żiedet il-bejgħ tagħha fis-swieq tal-esportazzjoni b'madwar 280 000 tunnellata. Għalhekk, iż-żieda fil-bejgħ fis-suq tal-esportazzjoni tagħha kkumpensat biss għal parti żgħira mit-telf ta' madwar 700 000 tunnellata fis-suq tal-Unjoni. Il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu simili għall-prezzijiet tagħha fis-suq tal-Unjoni.

(173) Għalhekk ġie konkluż b'mod provviżorju li dawn l-esportazzjonijiet ma kkontribwewx għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.3. *Konsum*

(174) Matul l-investigazzjoni, xi partijiet irreferew għall-konsum varjabbli u / jew għall-kundizzjonijiet avversi tat-temp fis-swieq ewlenin bħala xpruni tas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni. It-Tabella 1 turi li l-konsum fis-suq tal-Unjoni fil-fatt varja matul il-perjodu kkunsidrat u naqas b'5 % b'mod ġenerali. Madankollu, minkejja dawn il-varjazzjonijiet u t-tnaqqis ġenerali, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'mod stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, għad-dannu ta' importazzjonijiet oħra u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(175) Għalhekk ġie provviżorjament konkluż li l-iżvilupp tad-domanda ma kkontribwiex għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *Il-prezz (dinji) tal-urea*

(176) Xi partijiet sostnew li s-sitwazzjoni dannuża tal-produtturi tal-Unjoni kienet attribwibbli għall-prezz dinji tal-urea billi dan tal-aħħar imbotta 'l isfel il-prezzijiet tal-UAN tal-Unjoni. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li ma hemm ebda prezz dinji għall-urea li seta' influwenza s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Hemm atturi indipendenti li jippubblikaw prezzijiet spot għall-urea f'diversi postijiet madwar id-dinja. Dawn il-prezzijiet juru varjazzjonijiet fil-prezzijiet minn post għall-ieħor matul il-perjodu kkunsidrat ([15]). Barra minn hekk, filwaqt li madwar id-dinja, l-urea tirrappreżenta 56 % tal-fertilizzanti kollha kkunsmati, l-urea mhijiex il-fertilizzant preferut fl-Unjoni, fejn hija tirrappreżenta xi 19 % tal-fertilizzanti użati.

(177) Għalhekk ġie konkluż b'mod provviżorju li l-prezz (dinji) tal-urea ma setax ikollu impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sitwazzjoni dannuża tagħha.

5.2.5. *Kostijiet oħla fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni*

(178) Diversi partijiet semmew iż-żidiet fl-ispejjeż tal-bejgħ, amministrattivi u ġenerali fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni u / jew qalu li xi produtturi tal-Unjoni li lmentaw jinsabu f'sitwazzjoni dannuża minħabba li jħallsu prezz għoli għall-gass tagħhom.

(179) L-investigazzjoni ma wriet l-ebda evoluzzjoni anormali tal-ispejjeż tal-bejgħ, amministrattivi u ġenerali fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Rigward il-livell tal-prezzijiet tal-gass matul il-perjodu kkunsidrat, l-evoluzzjoni tiegħu ma tispjegax it-tnaqqis fil-profitti f'dan il-każ. Il-prezzijiet għoljin tal-gass jistgħu jispjegaw l-inabilità kontinwa li jintlaħqu livelli adegwati ta' profittabbiltà, li mhijiex is-sitwazzjoni hawnhekk billi fl-2015 u fl-2016, il-livelli ta' profittabbiltà kienu 14 % u 10 % rispettivament.

(180) Għalhekk huwa meqjus li l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-gass kienet fattur aggravanti tad-dannu mġarrab minn xi produtturi tal-Unjoni. Madankollu, la l-gass u l-ebda żieda oħra fil-kostijiet ma kienu l-kawża prinċipali tad-dannu. Kienet il-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni tgħaddi ż-żidiet fil-kostijiet permezz tal-prezzijiet tal-bejgħ.

5.2.6. *Ċertu UAN mixtri u mibjugħ minn produtturi tal-Unjoni*

(181) Diversi partijiet qalu li d-dannu eventwalment imġarrab minn xi produtturi tal-Unjoni kkawżawh huma stess minħabba li xi produtturi tal-Unjoni xtraw l-UAN.

(182) L-investigazzjoni wriet li xi produtturi tal-Unjoni jew il-fergħat kummerċjali tagħhom xtraw xi UAN mingħand importaturi jew kummerċjanti fl-Unjoni sabiex jissodisfaw ċerti ordnijiet jew għal raġunijiet loġistiċi. Minħabba li UAN minn diversi sorsi jitħallat fit-tankijiet u l-fatt li xi drabi dawn it-tankijiet jiġu kondiviżi minn diversi atturi fis-suq, ma jistax jiġi eskluż li l-produtturi tal-Unjoni fil-fatt reġgħu xraw xi UAN preċedentement mibjugħ minnhom. Fi kwalunkwe każ, ix-xiri tal-UAN mill-produtturi tal-Unjoni kien negliġibbli f'termini ta' volumi meta mqabbla mal-bejgħ ġenerali tal-Unjoni.

(183) Il-pretensjoni magħmula minn produttur esportatur Russu li xi produtturi tal-Unjoni jbigħu l-UAN fl-Unjoni bi prezzijiet imnaqqsa taħt il-prezz tas-suq ma kienet issostanzjata b'ebda evidenza.

(184) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż b'mod provviżorju li l-ebda waħda mill-operazzjonijiet hawn fuq imsemmija ma kellha impatt sinifikanti fuq is-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

([15]) Ara pereżempju l-islide 8 tal-preżentazzjoni ta' Yara mill-11 ta' Settembru 2018 disponibbli fis-sit https://www.yara.com/siteassets/investors/057-reports-and-presentations/conferencesrs/2018/2018-09-11-yar-handelsbanken-presentation.pdf/

5.2.7. *Fatturi oħra*

(185) Matul l-investigazzjoni, xi partijiet irreferew għal fatturi oħra bħala xpruni tas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni. Dawn il-fatturi l-oħra jinkludu i) l-istaġjonalità tal-prezzijiet tal-UAN, ii) il-kapaċitajiet ta' varjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, iii) il-provvisti irregolari minn xi produtturi tal-Unjoni u iv) pjattaforma diġitali li tbigħ il-fertilizzanti fuq il-web bi prezzijiet aggressivi.

(186) L-investigazzjoni madankollu wriet li i) billi l-analiżi saret fuq il-bażi ta' perjodu ta' 12-il xahar, l-effett ta' kwalunkwe staġjonalità fil-prezzijiet tal-UAN huwa kkumpensat, li ii) il-produtturi tal-Unjoni jirrikorru għall-kapaċitajiet ta' varjazzjoni bħala miżura protettiva, li iii) ċerti provvisti irregolari minn xi produtturi tal-Unjoni kienu minħabba operazzjonijiet normali ta' manutenzjoni u li iv) il-bejgħ online tal-UAN, limitat, sar bi prezzijiet simili tas-suq.

(187) Għalhekk ġie konkluż b'mod provviżorju li l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi ma kien xprun tas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(188) Matul il-perjodu kkunsidrat u fl-isfond tat-tnaqqis fil-konsum fl-Unjoni, il-volumi tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u l-ishma tagħhom mis-suq żdiedu b'mod sinifikanti filwaqt li l-prezzijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqsu b'medja ta' 33 %. Iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ħabtet ma' tnaqqis simili fis-sehem mis-suq għall-industrija tal-Unjoni. Meta wieħed jiftakar li l-UAN huwa komodità sensittiva għall-prezzijiet, li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien ta' 37,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, u li dawk l-importazzjonijiet saru bi prezzijiet li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, tali importazzjonijiet ipproduċew effetti dannużi sostanzjali. Il-pressjoni tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fuq il-produtturi tal-Unjoni kienet partikolarment dannuża fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni meta l-kostijiet kienu qegħdin jiżdiedu. Pressjoni bħal din ikkawżat id-deterjorament tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u wasslet għal telf fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(189) L-analiżi fil-premessi minn (171) sa (188) hawn fuq sabet li l-ebda fattur ieħor ma kellu impatt sinifikanti fuq is-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

(190) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni kienet ikkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u l-fatturi l-oħra, meta kkunsidrati separatament jew flimkien, ma kinux jiksru r-rabta ta' kawżalità.

(191) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. L-effett tal-biċċa l-kbira ta' dawn il-fatturi prattikament ma kienx jeżisti, filwaqt li l-effett tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-gass fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' tnaqqis fil-profitti kien limitat.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(192) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

(193) Fil-każ preżenti, l-ilmentaturi allegaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fir-rigward ta' wieħed mill-pajjiżi investigati, jiġifieri r-Russja. Il-valutazzjoni li tikkonċerna r-Russja tinsab fit-Taqsima 6.3 hawn taħt.

(194) Wieħed mill-produtturi esportaturi Russi li kkooperaw sostna li l-applikazzjoni potenzjali tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-Russja tkun diskriminatorja, billi d-distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu japplikaw ukoll għas-swieq tal-gass naturali f'TT u fl-Istati Uniti.

(195) Il-Kummissjoni eżaminat dawn il-pretensjonijiet u kkonkludiet b'mod provviżorju li:

(a) l-allegat sussidjar tax-xiri tal-gass naturali użat mill-produttur tal-UAN f'TT ma jaqax taħt id-distorsjonijiet fil-materja prima elenkati fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

(b) għalkemm il-projbizzjoni allegata tal-esportazzjonijiet tal-gass naturali mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel fl-Istati Uniti tista' potenzjalment taqa' taħt id-distorsjonijiet fil-materja prima elenkati fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, is-sistema użata ta' liċenzjar tal-esportazzjoni tidher li hija ta' natura awtomatika u t-tariffa negliġibbli tal-liċenzja ma taffettwax il-prezz tal-esportazzjoni.

(196) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet provviżorjament il-pretensjoni ta' trattament diskriminatorju fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-Russja.

6.1. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija ta' Unjoni għal Trinidad u Tobago u għall-Istati Uniti tal-Amerka**

(197) Il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' distorsjonijiet fis-sens tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, id-dannu jiġi eliminat jekk l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, inklużi dawk il-kostijiet li jirriżultaw minn Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli taħthom, li tagħhom l-Unjoni hija parti, u mill-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia tar-Regolament bażiku, u tikseb profitt raġonevoli ("profitt fil-mira").

(198) Skont l-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż li qed jiġi investigat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u żvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(199) Kif jidher fit-Tabella 2, fl-2016 l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati bdew jiżdiedu. Kwalunkwe marġni ta' profitt għal dan l-għan għalhekk jeħtieġ li jkun ġej mis-snin ta' qabel. Sabiex jiġi evitat li tintuża sena ta' profitt eċċezzjonali, ġie deċiż li jintuża l-profitt medju ponderat miksub mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu 2013-2015. Il-profitt fil-mira miksub b'dan il-mod, li kien jammonta għal 10 %, tqies li jirrappreżenta profitt tajjeb f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(200) Produttur tal-Unjoni wieħed fil-kampjun sostna li l-Kummissjoni għandha żżid mal-profitt fil-mira l-investimenti ppjanati li ma ġewx implimentati matul il-perjodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni investigat din il-pretensjoni skont l-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku. Madankollu, il-kumpanija kkonċernata ma kinitx kapaċi tipprovdi evidenza dokumentarja biex issostni din il-pretensjoni, li għalhekk, provviżorjament ma ntlaqgħetx.

(201) Skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw minn Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli taħthom, li għalihom l-Unjoni hija parti, u mill-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia tar-Regolament bażiku, li se ġġarrab l-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali ta' 3,7 % li ġie miżjud mal-prezz mhux dannuż. Nota għal-fajl dwar kif il-Kummissjoni stabbiliet dan il-kost addizzjonali tinsab fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati.

(202) Dawn il-kostijiet kienu jinkludu l-kostijiet futuri addizzjonali sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU ETS). L-EU ETS hija pedament tal-politika tal-UE għall-konformità mal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali. Tali kostijiet addizzjonali ġew ikkalkulati fuq il-bażi tal-Kwoti tal-UE addizzjonali medji stmati ta' Emissjonijiet (EUA) li jridu jinxtraw matul il-ħajja tal-miżuri. L-EUAs użati fil-kalkolu kienu netti mill-kwoti riċevibbli mingħajr ħlas u, bħall-kostijiet kollha tal-produzzjoni, kienu vverifikati sabiex jiġi żgurat li kienu allokati korrettement għall-prodott ikkonċernat. Il-kostijiet tal-EUAs ġew estrapolati sabiex jittieħed kont tal-varjazzjoni mistennija fil-prezzijiet matul il-ħajja tal-miżuri. Is-sors ta' dawn il-prezzijiet proġettati hija estrazzjoni minn Bloomberg New Energy Finance bid-data tat-8 ta' Frar 2019 Il-prezz medju proġettat għall-EUAs għal dan il-perjodu huwa ta' EUR 24,14 / tunnellata ta' CO2 iġġenerat.

(203) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkulat prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni.

(204) Il-Kummissjoni mbagħad stabbiliet il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi f'TT u fl-Istati Uniti li kkooperaw, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kull differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni. Ir-riżultati ta' dawn il-kalkoli huma mniżżla fit-tabella li ġejja:

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' (%)
Trinidad u Tobago	Methanol Holdings (Trinidad) Limited	55,9	16,3
Trinidad u Tobago	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	55,9	16,3

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' (%)
L-Istati Uniti tal-Amerka	CF Industries Holdings, Inc.	37,3	22,6
L-Istati Uniti tal-Amerka	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	37,3	22,6

6.2. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni għar-Russja**

6.2.1. *Tqabbil bejn il-marġni tad-dumping u l-marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa'*

(205) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat fir-rigward tar-Russja, jekk il-marġni tad-dumping stabbilit provviżorjament, ikunx ogħla mill-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Għal dan l-għan, sar tqabbil bejn il-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi fir-Russja li kkooperaw, u l-prezz fil-mira tal-industrija tal-Unjoni kif spjegat fit-Taqsima 6.1 hawn fuq. Ir-riżultat ta' dawn il-kalkoli jidher fit-tabella ta' hawn taħt.

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' (%)
Ir-Russja	PJSC Acron	31,9	12,5
Ir-Russja	Novomoskovsky Azot JSC	34,0	15,8
Ir-Russja	Nevinnomyssky Azot JSC	34,0	15,8
Ir-Russja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	34,0	13,6

(206) Billi l-marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' hekk ikkalkolat kien aktar baxx mill-marġni tad-dumping, il-Kummissjoni ġiet eżaminata kif meħtieġ skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

6.3. **Distorsjonijiet fil-materja prima**

(207) Fl-ilment, l-ilmentatur ipprovda evidenza suffiċjenti li hemm distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fir-Russja. Skont l-evidenza fl-ilment, il-gass naturali, li jammonta għal ferm aktar minn 17 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, huwa suġġett għal ipprezzar doppju fir-Russja.

(208) Għalhekk, kif tħabbar fin-notifika ta' bidu, skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, fil-valutazzjoni tal-livell xieraq tal-miżuri fir-rigward tar-Russja, il-Kummissjoni eżaminat l-allegata distorsjoni u kull distorsjoni oħra koperta mill-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, fir-Russja.

(209) Il-Kummissjoni l-ewwel identifikat il-materja prima prinċipali użata fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat minn kull produttur esportatur li kkoopera. Bħala materja prima prinċipali ġiet ikkunsidrata dik il-materja prima li hija probabbli li tirrappreżenta mill-anqas 17 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.

(210) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-gass naturali huwa l-materja prima prinċipali għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. L-investigazzjoni kkonfermat li huwa jammonta għal aktar minn 17 % mill-kost tal-produzzjoni tal-UAN għaż-żewġ produtturi esportaturi Russi li kkooperaw, kif mitlub mill-Artikolu 7(2a). Għaż-żewġ kumpaniji, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta minnhom, il-kost tal-gass fil-kost totali tal-produzzjoni tal-UAN kien jammonta għal aktar minn 50 %, bil-prezzijiet tal-gass kif irrappurtati mill-kumpaniji. Bl-aġġustament għall-gass kif deskritt fil-premessi minn (52) sa (55) u minn (59) sa (60), il-kost tal-gass fil-kost totali tal-produzzjoni tal-UAN huwa fil-medda ta' 70 % sa 85 %.

(211) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-gass naturali użat fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat huwiex mgħawweġ b'waħda mill-miżuri elenkati fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku: skemi ta' pprezzar doppju, taxxi fuq l-esportazzjoni, soprataxxi fuq l-esportazzjoni, kwoti fuq l-esportazzjoni, projbizzjoni tal-esportazzjoni,

taxxa fiskali fuq l-esportazzjoni, rekwiżiti ta' liċenzjar, prezz minimu tal-esportazzjoni, tnaqqis jew irtirar tar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), restrizzjoni fuq il-punt tal-iżdoganar għall-esportaturi, lista ta' esportaturi kwalifikati, obbligu tas-suq domestiku, estrazzjoni ristretta. Għal dan l-għan il-Kummissjoni eżaminat ir-Regolamenti rilevanti tal-Federazzjoni Russa, is-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati, inklużi mill-GOR, rapporti u studji pubblikament disponibbli ([16]), il-kontijiet annwali awditjati tal-forniturі tal-gass Russi u dokumenti strateġiċi tal-GOR ([17]).

(212) Il-Kummissjoni stabbiliet li waħda mill-miżuri elenkati bħala distorsjonijiet fil-materja prima fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 7(2a), jiġifieri t-taxxa fuq l-esportazzjoni (ta' 30 %) ([18]), kienet teżisti u affettwat il-bejgħ tal-gass naturali fir-Russja matul il-PI.

(213) Barra minn hekk, il-proprjetarju tas-Sistema Unifikata tal-Provvista tal-Gass ("UGSS") huwa mogħti d-dritt esklużiv għall-esportazzjoni tal-gass fi stat gassuż. Il-liġi tistipula wkoll li l-proprjetarju tal-UGSS jista' jkun biss entità kkontrollata mill-Istat. Għalhekk, Gazprom tgawdi l-unika liċenzja għall-esportazzjoni tal-gass naturali. Is-sitwazzjoni kif deskritta tista' tikkwalifika jew bħala miżura ta' "rekwiżiti ta' liċenzjar" jew bħala miżura ta' "lista ta' esportaturi kwalifikati".

(214) Fl-aħħar nett, l-ilmentatur irrefera għall-ipprezzar doppju tal-gass naturali bħala distorsjoni potenzjali fil-materja prima. L-investigazzjoni fil-fatt sabet evidenza li tindika l-eżistenza ta' pprezzar doppju fir-rigward tal-gass naturali fir-Russja għall-bejgħ domestiku u għall-bejgħ għall-esportazzjoni fuq il-bażi tal-formula għall-prezz tal-gass użata fid-determinazzjoni tal-prezzijiet domestiċi regolati.

(215) F'dan ir-rigward, il-prezz domestiku fir-Russja huwa regolat għall-fornitur tal-gass tal-Istat, Gazprom, u mhux regolat għall-forniturі l-oħra. Forniturі oħra għajr Gazprom, madankollu, isegwu mill-qrib il-prezz stabbilit mill-GOR għal Gazprom kif osservat fil-produtturi esportaturi investigati iżda wkoll minn informazzjoni pubblikament disponibbli ([19]). Jiddependi mis-sena, il-prezz domestiku jiġi stabbilit bl-użu ta' formula għall-prezz tal-gass jew jiġi stabbilit permezz ta' indiċjar. L-indiċi li għandu jintuża jiġi ppubblikat b'mod regolari fi previżjoni tal-iżvilupp soċjoekonomiku mill-Ministeru Russu tal-Iżvilupp Ekonomiku ([20]). Il-formula għall-prezz tal-gass tikkalkula l-livell xieraq tal-prezz domestiku billi tnaqqas it-taxxa fuq l-esportazzjoni, il-kostijiet tat-trasport internazzjonali u domestiku u l-ħekk imsejjaħ koeffiċjent tat-tnaqqis minn prezz internazzjonali tal-gass naturali. Il-Kummissjoni qieset li l-effett tal-ipprezzar doppju jista' jiġi attribwit lill-koeffiċjent tat-tnaqqis li huwa indipendenti mill-effett tat-taxxa fuq l-esportazzjoni.

(216) Il-Kummissjoni qabblet il-prezz tal-gass naturali mal-prezz fis-suq internazzjonali rappreżentattiv. L-investigazzjoni kkonfermat li l-prezz domestiku tal-gass naturali fir-Russja huwa b'mod sinifikanti aktar baxx, jiġifieri inqas min-nofs, meta mqabbel mal-prezz ta' Waidhaus ikkalkulat kif spjegat fil-premessa minn (59) sa (60).

(217) Kif spjegat fil-premessa (55) il-punt d), il-Kummissjoni qieset il-prezz ta' Waidhaus bħala parametru referenzjarju xieraq għall-prezz tas-suq internazzjonali rappreżentattiv sabiex tivvaluta d-distorsjoni fil-prezz tas-suq domestiku tal-gass naturali fir-Russja.

(218) Wieħed mill-produtturi Russi li kkooperaw sostna li l-gass naturali mhuwiex il-materja prima għall-produzzjoni tal-UAN u għalhekk ma jistax ikun soġġett għall-analiżi skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, il-parti interessata inkwistjoni sostniet li mhuwiex ċar mill-ilment li l-kost tal-gass naturali laħaq il-limitu ta' 17 % fil-kost totali tal-produzzjoni tal-UAN.

(219) Kif spjegat fil-premessa (52), il-gass naturali huwa responsabbli għal aktar minn 50 % mill-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-fatt li jintuża għall-manifattura tal-ammonijaka, wieħed mill-ewwel passi fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, kif spjegat fil-premessa (60), ma jbiddilx in-natura tiegħu bħala materja prima neċessarja għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Iż-żewġ produtturi Russi tal-UAN huma impjanti kimiċi kompletament integrati u għalhekk it-tnejn li huma jieħdu vantaġġ mid-distorsjonijiet identifikati għall-gass naturali meta jsir il-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, din il-pretenzjoni provviżorjament ma ntlaqgħetx.

([16]) BP Statistical Review of World Energy 2018;
Russian Oil and Gas Sector Regulatory Regime: Legislative Overview (King and Spalding 2017).

([17]) Previżjonijiet tal-iżvilupp soċjoekonomiku għas-snin 2016 – 2036 (Il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Federazzjoni Russa).

([18]) Id-Digriet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa tat-30 ta' Awwissu 2013 Nru 754 dwar l-approvazzjoni tar-rati tad-dazji doganali tal-esportazzjoni fuq oġġetti esportati mill-Federazzjoni Russa barra mill-Istati li huma partijiet għall-ftehimiet dwar l-Unjoni Doganali.

([19]) Fir-Rapport Annwali għall-2017, Novatek (produttur u fornitur indipendenti tal-gass naturali) identifika r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet bħala riskju fil-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar il-ġestjoni tar-riskju, waqt li sostna li "bħala produttur indipendenti tal-gass naturali, Novatek mhuwiex suġġett għar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tal-gass naturali mill-Istat. Madankollu, il-prezzijiet tal-Kumpanija huma influwenzati b'mod qawwi mill-prezzijiet stabbiliti minn korp Federali."

([20]) Disponibbli fuq http://economy.gov.ru/minec/activity/sections/macro/prognoz/ (aċċessat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2019).

(220) Wara li qieset il-valutazzjoni tagħha kif spjegat fil-premessi minn (205) sa (215), il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-gass naturali huwa soġġett għal distorsjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

6.4. **L-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku**

(221) Wara li kkonkludiet li hemm distorsjonijiet fil-materja prima kif previst fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fil-każ tar-Russja, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li kien fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont tad-dazji provviżorji skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq evalwazzjoni tal-informazzjoni pertinenti kollha għal din l-investigazzjoni, inklużi l-kapaċitajiet żejda fil-pajjiż esportatur, il-kompetizzjoni għall-materja prima u l-effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. Sabiex twettaq din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni daħħlet mistoqsijiet speċifiċi fil-kwestjonarji għall-partijiet interessati kollha. L-ilmentatur u xi produtturi li lmentaw ipprovdew tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet. Xi ftit partijiet oħra pprovdew tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet iżda l-biċċa l-kbira tat-tweġibiet ta' dawn il-ftit partijiet ma kinux kompluti.

6.4.1. *Kapaċitajiet żejda fil-pajjiż esportatur*

(222) Fir-rigward tal-UAN, kif innotat fil-premessi (141) u (143), l-UAN normalment jiġi prodott f'siti kimiċi integrati. Għalhekk, il-kapaċità żejda hija dipendenti prinċipalment fuq il-konfigurazzjoni ta' dawn is-siti integrati u fuq il-bażi tal-klijenti tal-produttur. Kull kumpanija tfittex li timmassimizza l-profittabbiltà tas-sit kollu kemm hu u għalhekk huwa diffiċli tiġi stabbilita l-kapaċità żejda preċiża.

(223) Fid-dawl ta' dan il-fatt u fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet li l-kapaċità żejda fir-Russja tvarja bejn 330 000 u 750 000 tunnellata fis-sena, li tikkostitwixxi bejn 7 % u 16 % tal-UAN ikkonsmat fl-Unjoni. Dawn l-ammonti ġew stabbiliti abbażi tal-informazzjoni vverifikata dwar il-kapaċità taż-żewġ produtturi esportaturi Russi li kkooperaw, magħmula għall-biċċa l-kbira tal-produzzjoni fir-Russja (kapaċità żejda reali, li tinjora l-"kapaċità ta' varjazzjoni") u l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi (kapaċità żejda potenzjali, li tikkunsidra l-"kapaċità ta' varjazzjoni").

(224) Is-suq Russu tal-UAN ([21]) huwa relattivament żgħir meta mqabbel mal-kapaċità tal-produzzjoni Russa tal-UAN ([22]). Bi produzzjoni li taqbeż b'mod sinifikanti l-konsum domestiku, ir-Russja hija esportatur nett tal-UAN.

(225) Fl-2017, ir-Russja esportat 'il fuq minn 100 000 tunnellata ta' UAN lejn l-Ukrajna. Wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq l-UAN li joriġina fir-Russja mill-Ukrajna f'Mejju 2017, dawn l-esportazzjonijiet saru disponibbli biex jiġu diretti lejn swieq oħra aktar interessanti, inkluż is-suq tal-Unjoni.

(226) Il-potenzjal ta' esportazzjoni tar-Russja huwa evidenti. Anki kieku l-"kapaċitajiet ta' varjazzjoni" tal-produtturi Russi kienu meqjusa bħala limitati, huwa innegabbli li minn Awwissu 2018, il-volumi tal-importazzjonijiet tal-UAN fl-Unjoni mir-Russja komplew bix-xejra 'l fuq murija fit-tabella 2 (ara wkoll it-Tabella 1 tar-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni). Ta' min jinnota wkoll li fil-paġna 9 tas-sottomissjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 2018, Eurochem ippreveda żieda fl-esportazzjonijiet Russi ta' UAN fl-2018 u fl-2019.

6.4.2. *Kompetizzjoni għal materja prima*

(227) Kif sottolinjat fil-premessa (54) aktar 'il fuq, l-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet tal-gass fir-Russja kienu regolati mill-Istat permezz ta' liġijiet federali u ma kinux jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq, fejn il-prezzijiet jiġu stabbiliti prinċipalment mill-kostijiet tal-produzzjoni u l-aspettattivi ta' profitt.

(228) Acron issottometta preżentazzjoni dwar il-kompetizzjoni fis-suq tal-gass fir-Russja (notevolment dwar l-ipprezzar tal-gass, il-profittabbiltà tal-prezzijiet regolati u tal-prezzijiet mhux regolati u s-sorsi tal-provvista) imħejjija fl-2016 mill-GOR barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-investigazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma qisitx li din il-preżentazzjoni, li hija indirizzata fil-premessi (56)-(57) aktar 'il fuq, kienet timmina s-sejbiet imsemmija fil-premessa ta' hawn fuq.

(229) Ir-regolamentazzjoni tas-suq tal-gass fir-Russja twassal għal vantaġġ inġust għall-produtturi tal-UAN Russi billi dawn għandhom aċċess għal prezzijiet tal-gass artifiċjalment baxxi fis-suq domestiku minħabba r-regolamenti domestiċi spjegati fil-premessi minn (209) sa (217) aktar 'il fuq. Fl-istess ħin, il-produtturi tal-Unjoni huma affettwati b'mod negattiv mid-diskriminazzjoni fil-prezzijiet ikkawżata minn dawn ir-regolamenti fir-Russja, li ġġegħelhom iħallsu prezzijiet konsiderevolment ogħla minn dawk imħallsa mill-produtturi Russi għall-istess gass.

([21]) Il-paġna 9 tal-verżjoni miftuħa tal-ilment tinkludi graff bit-titlu "Is-suq dinji tal-UAN (2015)". Is-suq tal-UAN tar-Russja huwa biss frazzjon fis-sehem "oħrajn" (1 705 000 tunnellata).

([22]) 3 280 000 tunnellata fl-2018 skont il-paġna 94 tal-verżjoni miftuħa tal-ilment.

(230) Il-Kummissjoni tqis li din is-sitwazzjoni mhijiex probabbli li tinbidel fil-futur qrib ([23]).

6.4.3. *L-effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni*

(231) Skont is-sejbiet tal-investigazzjoni, l-impatt mistenni fuq il-ktajjen tal-provvista huwa limitat. Fil-fatt, ħafna mill-partijiet, inklużi l-importaturi, qalu li l-utenti aħħarin tal-UAN, jiġifieri l-bdiewa, jkunu l-uniċi partijiet affettwati miż-żidiet fil-prezzijiet li jirriżultaw mill-miżuri billi ma hemm l-ebda partijiet intermedji fil-katina tal-provvista li tista' tassorbi d-dazji. Billi huwa komodità likwida u pjuttost omoġenja, l-UAN minn diversi oriġini jitħallat f'tankijiet u l-biċċa l-kbira tal-atturi fil-katina tal-provvista jinjoraw l-oriġini tal-UAN mixtri / użat. Għalhekk, b'mod ġenerali, il-ktajjen tal-provvista mhumiex mistennija li jinbidlu b'mod sinifikanti jekk jiġu imposti miżuri. Il-produtturi tal-Unjoni se jkomplu jipproduċu l-UAN, filwaqt li l-importazzjonijiet mir-Russja (kif ukoll mill-pajjiżi l-oħra investigati) huma mistennija li jkomplu fid-dawl tat-tkabbir previst fid-domanda għall-UAN u l-fatt li l-produtturi tal-Unjoni jistgħu jibdlu l-prodotti sa ċertu punt limitat.

(232) Skont is-sejbiet tal-investigazzjoni, l-effetti fuq il-bdiewa tal-Unjoni b'mod globali jkunu żgħar. Il-Kummissjoni sabet li l-UAN jirrappreżenta anqas minn 1 % tal-kostijiet totali tal-biedja fl-Unjoni. Għalhekk, żieda fil-prezzijiet derivata mill-miżuri, jekk ikun hemm, m'għandhiex ikollha impatt sinifikanti fuq is-settur tal-biedja fl-Unjoni b'mod ġenerali.

(233) Minħabba li l-UAN bħala fertilizzant ikopri realtajiet differenti ħafna u l-użu tiegħu jvarja ħafna minn għalla għall-oħra, minn reġjun għall-ieħor, eċċ., il-Kummissjoni vvalutat l-impatt fuq l-azjendi agrikoli speċjalizzati fil-qamħ komuni (l-għalla prinċipali li tuża l-UAN) fi Franza (il-pajjiż produttur prinċipali tal-qamħ fl-Unjoni) li jużaw l-UAN bħala l-uniku sors ta' fertilizzant tan-nitroġenu separatament.

(234) F'azjendi agrikoli speċjalizzati bħal dawn, il-fertilizzanti kollha kienu jirrappreżentaw 21,94 % tal-kostijiet tagħhom, fl-2013 ([24]). Il-Kummissjoni stmat li fil-kampanja 2017/2018, l-UAN kien jirrappreżenta sa 10 % tal-kostijiet totali tagħhom tal-produzzjoni ([25]). Meta wieħed jikkunsidra l-ogħla dazju anti-dumping provviżorju impost, dan ikun jirrappreżenta massimu ta' żieda ta' 3 % ([26]) fil-kost tal-produzzjoni, jekk il-miżuri jiġu mgħoddija fl-istess proporzjon. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ma jkollhomx impatt sproporzjonat anki għal dawn l-azjendi agrikoli. Barra minn hekk, ħafna azjendi agrikoli fl-Unjoni (inkluż fi Franza) jiddependu fuq bosta għelejjel.

6.4.4. *Konklużjoni*

(235) Wara li vvalutat l-informazzjoni pertinenti kollha għal din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li, għar-Russja, huwa fl-interess tal-Unjoni li tistabbilixxi l-ammont ta' dazji provviżorji skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

(236) B'mod partikolari, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet li hemm distorsjonijiet fuq il-materja prima fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fir-Russja. It-tieni, il-Kummissjoni sabet li r-Russja għandha kapaċità żejda li tista' tintuża sabiex iżżid l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-produtturi Russi għandhom vantaġġ inġust *vis-à-vis* l-produtturi tal-Unjoni fir-rigward tal-gass naturali minħabba r-regolamentazzjoni fis-suq Russu. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ma jaffettwawx b'mod negattiv il-katina tal-provvista fl-Ewropa. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni sabet li, għalkemm għadd limitat ta' bdiewa fl-Unjoni jistgħu potenzjalment jiġu affettwati mill-miżuri, kwalunkwe impatt ikun limitat u b'mod ġenerali mhux sproporzjonat. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset li l-importazzjonijiet tal-UAN se jkomplu u, għalhekk, il-provvista mhux se tiġi mfixkla bil-miżuri. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, li kellhom sehem mis-suq

([23]) Pereżempju, il-paġna 45 tar-rapport tad-diretturi ta' Grupa Azoty Zaklady Azotowe Pulawy S. A. għall-2018 tipprevedi prezzijiet pjuttost stabbli tal-gass naturali fl-Unjoni sal-2020: Dan ir-rapport huwa disponibbli fil-fajl miftuħ (t18.010219).

([24]) Fid-dawl tar-"Rapport dwar l-azjendi agrikoli taċ-ċereali tal-UE bbażat fuq id-*data* tal-FADN tal-2013", DĠ AGRI, p. 44, f'azjenda agrikola speċjalizzata fil-qamħ komuni fi Franza, fl-2013, il-fertilizzanti (it-tipi kollha) kienu jirrappreżentaw EUR 286/ettaru. 21,94 % huwa r-riżultat miksub meta wieħed jiddividi 286 EUR bis-somma tal-kostijiet operattivi (1 003 EUR/ettaru) u tad-deprezzament (298 EUR/ettaru).

([25]) Fid-dawl tar-"Rapport dwar l-azjendi agrikoli taċ-ċereali tal-UE bbażat fuq id-*data* tal-FADN tal-2013", DĠ AGRI, p. 44, f'azjenda agrikola speċjalizzata fil-qamħ komuni fi Franza, fl-2013, il-fertilizzanti (it-tipi kollha) kienu jirrappreżentaw EUR 286/ettaru. Għalhekk ġie preżunt li f'azjenda agrikola bħal din, l-UAN kien jirrappreżenta sa EUR 200/ettaru (70 % ta' EUR 286/ettaru, billi l-fertilizzanti tan-nitroġenu jammontaw għal 70 % tal-użu totali ta' fertilizzanti fl-UE), li huwa 13 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni fl-2013. Dan il-perċentwal naqas wara l-2013. Minħabba t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-fertilizzanti tan-nitroġenu fi Franza mill-2013 kif ippubblikat fl-"Agreste Bilan conjoncturel 2017 – Décembre 2017" (ara http://agreste.agriculture.gouv.fr/conjoncture/bilans-annuels-conjoncturels/), wieħed jista' raġonevolment jassumi li fil-kampanja 2017/2018 f'azjenda agrikola speċjalizzata fil-qamħ komuni fi Franza li kienet tuża l-UAN bħala l-uniku sors ta' fertilizzant tan-nitroġenu, l-UAN kien jirrappreżenta sa 10 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni.

([26]) Dan il-perċentwal ikun ta' 5 % jekk jiġi kkalkolat bid-*data* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24.

ta' aktar minn 37 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, huma mistennija li jkomplu fid-dawl tat-tkabbir previst fid-domanda għall-UAN u l-fatt li l-produtturi tal-Unjoni jistgħu jibdlu l-prodotti sa ċertu punt limitat. Fi kwalunkwe każ, il-produtturi tal-Unjoni, b'kapaċitajiet żejda, jistgħu jipproduċu volumi sinifikanti ta' UAN.

(237) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li, fil-każ tar-Russja, dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ma jkunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu mill-industrija tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni mhumiex biss qed iġarrbu dannu minħabba fid-dumping, iżda qed ibatu wkoll mit-tgħawwiġ addizzjonali tal-kummerċ meta mqabbla mal-produtturi esportaturi tar-Russja. Għalhekk, sabiex il-kummerċ ikun protett b'mod adegwat, il-livell tal-miżuri għar-Russja jrid ikun ekwivalenti għall-marġni tad-dumping kif stabbilit b'mod provviżorju.

7. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(238) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx b'mod ċar tikkonkludi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ fir-rigward tal-importazzjonijiet mir-Russja, minn Trinidad u Tobago u mill-Istati Uniti tal-Amerka, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq evalwazzjoni tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tal-utenti u ta' operaturi ekonomiċi rilevanti oħra.

7.1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(239) Hemm 20 produttur magħruf ta' UAN madwar l-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni li jkopru 80 % tal-volum tal-produzzjoni tal-Unjoni kkooperaw fl-investigazzjoni. Żewġ kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji li jirrappreżentaw 30 % tal-produzzjoni tal-UAN fl-Unjoni kienu kontra l-każ.

(240) In-nuqqas ta' miżuri huwa probabbli li jkollu effett negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni f'termini ta' volumi aktar baxxi tal-bejgħ u aktar tnaqqis fil-prezzijiet, u b'hekk inaqqas il-profittabilità u l-investimenti. Il-miżuri jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tisfrutta l-potenzjal tagħha f'suq tal-Unjoni li joffri kundizzjonijiet ekwi, tirkupra s-sehem mitluf mis-suq, u ttejjeb il-profittabbiltà għal livelli meqjusa bħala sostenibbli.

7.2. **L-interess tal-importaturi mhux relatati**

(241) Tliet importaturi mhux relatati ppreżentaw tweġiba għall-kwestjonarju. Tnejn biss minnhom qablu li jikkooperaw aktar fl-investigazzjoni.

(242) L-attivitajiet relatati mal-UAN kienu jirrappreżentaw sehem żgħir mill-attivitajiet ta' wieħed miż-żewġ importaturi li kkooperaw, li fil-fatt huwa junjin ta' kooperattivi li taġixxi f'isem il-membri tagħha. L-importatur l-ieħor, aktar dipendenti fuq l-UAN, jadatta l-prezzijiet tal-bejgħ tiegħu skont l-evoluzzjoni tas-suq tal-UAN. Iż-żewġ importaturi li kkooperaw joffru firxa wiesgħa ta' servizzi u / jew prodotti u għandhom diversi sorsi ta' provvista.

(243) Kwalunkwe konsegwenza negattiva għall-importaturi fl-Unjoni li tirriżulta mill-miżuri ma tistax tegħleb il-konsegwenzi pożittivi ta' dawn tal-aħħar fuq l-industrija tal-Unjoni. Il-miżuri huma maħsuba biex joħolqu kundizzjonijiet ekwi li l-partijiet kollha jistgħu jibbenefikaw minnhom. Barra minn hekk, l-importaturi b'mod ġenerali joffru firxa wiesgħa ta' fertilizzanti u/ jew servizzi u għandhom diversi sorsi ta' provvista. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet, inklużi ż-żewġ importaturi li kkooperaw, sostnew li l-utenti finali tal-UAN, jiġifieri, il-bdiewa, ikunu l-partijiet affettwati miż-żidiet fil-prezzijiet (jekk ikun hemm) li jirriżultaw mill-miżuri fl-aħħar.

7.3. **L-interess tal-utenti**

(244) Ħdax-il parti li jirrappreżentaw l-interessi tal-utenti ppreżentaw tweġibiet għall-kwestjonarju għalkemm b'*data* verifikabbli limitata.

(245) L-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw il-kooperattivi u / jew il-bdiewa rilevanti fl-Unjoni (COPA-COGECA), Franza (COOP de France), l-Irlanda (l-Assoċjazzjoni tal-bdiewa Irlandiżi) u l-Finlandja (MTK) sostnew li l-miżuri jkollhom impatt negattiv fuq l-utenti tal-UAN, jiġifieri l-bdiewa. Għadd sinifikanti ta' kooperattivi, junjins / gruppi ta' kooperattivi u pjattaformi tax-xiri Franċiżi li jixtru l-provvisti agrikoli f'isem il-bdiewa kkummentaw dwar l-impatt negattiv li l-miżuri jista' jkollhom fuq il-bdiewa Franċiżi. Il-produtturi esportaturi li kkooperaw, sensiela ta' importaturi mhux relatati u operaturi ekonomiċi differenti fi Franza u Spanja esprimew fehma simili.

(246) Intermedjarju wieħed kbir Franċiż, attiv fil-prodotti ta' u l-fertilizzanti agroalimentari, stqarr li kwalunkwe miżuri anti-dumping "iridu jkunu ħfief".

(247) Xi partijiet sostnew li hemm prodotti limitati/ l-ebda prodott sostituttiv għall-bdiewa (u / jew għal operaturi ekonomiċi oħra) minħabba li ma hemmx biżżejjed produzzjoni ta' fertilizzanti tan-nitroġenu fl-Unjoni. Madankollu xejn fil-fajl ma jissuġġerixxi nuqqas ta' fertilizzanti tan-nitroġenu fl-Unjoni; hemm għadd ta' sorsi ta' provvista ta' fertilizzazzjoni tan-nitroġenu, bħan-nitrat tal-ammonju tal-kalċju, in-nitrat tal-ammonju jew l-urea.

(248) Xi kummenti kienu jirrigwardaw l-importanza tal-kostijiet tal-UAN f'azjenda agrikola (għalkemm il-kwantifikazzjoni kienet tvarja b'mod sinifikanti minn parti għall-oħra) u / jew indikaw li l-bdiewa kienu ilhom ibatu s-snin għal diversi raġunijiet (bħas-sena ħażina għall-għelejjel fl-2016, il-prezzijiet baxxi tal-bejgħ, it-temp ħażin jew il-kompetittività għolja fis-suq) u l-impjiegi involuti. Skont dawn il-partijiet, il-miżuri anti-dumping jisfurzaw lil xi bdiewa jwaqqfu l-produzzjoni u / jew ikomplu jiddeterjoraw settur li ma jistax jgħaddi l-kostijiet u l-ħtiġijiet biex jibqa' kompetittiv f'suq globalizzat. Għal xi partijiet, il-miżuri anti-dumping ikunu kompromess mal-Politika Agrikola Komuni u din tal-aħħar ma tibqax suffiċjenti biex tiggarantixxi d-dħul u l-kompetittività tal-azjendi agrikoli.

(249) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-argumenti. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-impatt jista' jvarja skont it-tip ta' azjenda agrikola jew il-prattika agrikola, il-Kummissjoni skopriet li l-UAN jirrappreżenta inqas minn madwar 1 % tal-kostijiet ġenerali tal-biedja fl-Unjoni. Għalhekk, żieda fil-prezzijiet derivata mill-miżuri, jekk ikun hemm, m'għandhiex ikollha impatt sinifikanti fuq is-settur tal-biedja fl-Unjoni b'mod ġenerali.

(250) Minħabba li l-UAN bħala fertilizzant ikopri realtajiet differenti ħafna u l-użu tiegħu jvarja ħafna minn għalla għall-oħra, minn reġjun għall-ieħor, eċċ., il-Kummissjoni eżaminat l-impatt potenzjali tal-miżuri għall-azjendi agrikoli speċjalizzati fil-qamħ komuni (l-għalla prinċipali li tuża l-UAN) fi Franza (il-pajjiż produttur prinċipali tal-qamħ fl-Unjoni) li jużaw l-UAN bħala l-uniku sors ta' fertilizzant tan-nitroġenu.

(251) F'azjendi agrikoli speċjalizzati bħal dawn, l-UAN kien jirrappreżenta 15,4 % tal-kostijiet tagħhom, fl-2013 ([27]). Il-Kummissjoni stmat li fil-kampanja 2017/2018, l-UAN kien jirrappreżenta sa 10 % tal-kostijiet totali tagħhom tal-produzzjoni ([28]). Meta wieħed jikkunsidra l-ogħla dazju anti-dumping provviżorju impost, dan ikun jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor żieda ta' 3 % ([29]) fil-kost tal-produzzjoni, jekk il-miżuri jiġu mgħoddija fl-istess proporzjon. Għalhekk żieda fil-prezz derivata mill-miżuri imposti, jekk ikun hemm, mhijiex mistennija li jkollha impatt kbir sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli fl-"aħar xenarju possibbli", fid-dawl, fost l-oħrajn, tal-għodod għad-dispożizzjoni tal-bdiewa biex jakkwistaw UAN bi prezzijiet raġonevoli (eż. l-ippuljar tax-xiri permezz ta' pjattaformi tax-xiri jew assigurazzjonijiet għall-iħħeġġjar tal-marġnijiet). Barra minn hekk, hafna azjendi agrikoli fl-Unjoni jiddependu fuq bosta għelejjel.

(252) Rigward il-pretensjoni dwar l-impatt fuq l-impjiegi fl-azjendi agrikoli, ta' min wieħed jinnota li f'dawn l-aħħar snin, il-biedja fl-Unjoni qed issir / se ssir aktar teknoloġikament intensiva, u esperjenzat tnaqqis fil-forza tax-xogħol li hija mbassra li se tkompli ([30]). L-impatt tal-miżuri anti-dumping huwa mistenni li jkun limitat meta mqabbel ma' dawn ix-xejriet għaddejjin bħalissa.

(253) Minkejja s-sejbiet provviżorji ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-partijiet li għadhom ma pprovdewx fehmiethom biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet dwar l-interessi tal-utenti. Dawn l-osservazzjonijiet flimkien ma' l-elementi kollha li jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni mill-partijiet interessati wara miżuri provviżorji fil-limiti ta' żmien stipulati se jiġu analizzati bir-reqqa fi stadju definittiv.

7.4. **Fatturi oħra**

(254) Din it-taqsima tqis kummenti oħra li kienu komuni fost diversi partijiet interessati. Dawn il-partijiet huma produtturi esportaturi, importaturi, assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw il-kooperattivi u / jew il-bdiewa rilevanti fl-Unjoni, Franza u l-Irlanda; Kooperattivi, junjins / gruppi ta' kooperattivi u pjattaformi tax-xiri Franċiżi li jixtru provvisti agrikoli f'isem il-bdiewa, u operaturi ekonomiċi differenti fi Franza, Spanja u ċ-ċentru tal-Unjoni.

([27]) Fid-dawl tar-"Rapport dwar l-azjendi agrikoli taċ-ċereali tal-UE bbażat fuq id-*data* tal-FADN tal-2013", DĠ AGRI, p. 44, f'azjenda agrikola speċjalizzata fil-qamħ komuni fi Franza, fl-2013, il-fertilizzanti (it-tipi kollha) kienu jirrappreżentaw EUR 286/ettaru. 15,4 % huwa r-riżultat miksub meta wieħed jiddividi 286 EUR bis-somma tal-kostijiet operattivi (1 003 EUR/ettaru) u tad-deprezzament (298 EUR/ettaru).

([28]) Fid-dawl tar-"Rapport dwar l-azjendi agrikoli taċ-ċereali tal-UE bbażat fuq id-*data* tal-FADN tal-2013", DĠ AGRI, p. 44, f'azjenda agrikola speċjalizzata fil-qamħ komuni fi Franza, fl-2013, il-fertilizzanti (it-tipi kollha) kienu jirrappreżentaw EUR 286/ettaru. Għalhekk ġie preżunt li f'azjenda agrikola bħal din, l-UAN kien jirrappreżenta sa EUR 200/ettaru (70 % ta' EUR 286/ettaru, billi l-fertilizzanti tan-nitroġenu jammontaw għal 70 % tal-użu totali ta' fertilizzanti fl-UE), li huwa 13 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni fl-2013. Dan il-perċentwal naqas wara l-2013. Minħabba t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-fertilizzanti tan-nitroġenu fi Franza mill-2013 kif ippubblikat fl-"Agreste Bilan conjoncturel 2017 – Décembre 2017" (ara http://agreste.agriculture.gouv.fr/conjoncture/bilans-annuels-conjoncturels/), wieħed jista' raġonevolment jassumi li fil-kampanja 2017/2018 f'azjenda agrikola speċjalizzata fil-qamħ komuni fi Franza li kienet tuża l-UAN bħala l-uniku sors ta' fertilizzant tan-nitroġenu, l-UAN kien jirrappreżenta sa 10 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni.

([29]) Dan il-perċentwal ikun ta' 5 % jekk ikkalkolat bid-*data* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23.

([30]) "EU Agricultural Outlook for the Agricultural markets and Income 2017-2030, il-Kummissjoni Ewropea, 2017, p. 68, fost l-oħrajn.

(255) Xi partijiet kienu kontra l-miżuri fuq il-bażi li l-importazzjonijiet huma neċessarji, li ma hemmx biżżejjed produzzjoni tal-UAN fl-Unjoni u li d-differenza bejn id-domanda u l-provvista tiżdied u li l-produtturi tal-UAN tal-Unjoni jiffavorixxu prodotti oħra ta' valur miżjud. Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-argumenti. B'mod ġenerali hemm biżżejjed sorsi ta' provvista tal-UAN. Il-fatt li hemm produzzjoni limitata ta' UAN fl-Unjoni, iżżidiet fid-domanda għall-UAN fl-Unjoni u l-għajbien ta' xi sorsi tradizzjonali ta' provvista tal-UAN fl-Unjoni (eż. kumpanija waħda li qabel kienet tipproduċi l-UAN fi Franza qalbet kompletament għal fertilizzanti oħra) ma jiġġustifikawx il-prattiki ta' dumping. L-investigazzjoni wriet il-benefiċċji tal-preservazzjoni ta' diversi sorsi ta' provvista fl-Unjoni ([31]), inklużi l-produtturi lokali tal-UAN, aktar milli ż-żieda tad-dipendenza tal-UAN fuq pajjiżi terzi bi prattiki kummerċjali inġusti u / jew distorsjonijiet fil-materja prima u / jew impronta akbar tal-karbonju ([32]). Hija wriet ukoll li l-produtturi tal-UAN tal-Unjoni għandhom il-kapaċità / possibbiltà li jżidu l-produzzjoni tal-UAN f'kundizzjonijiet ekwi.

(256) Xi partijiet sostnew li l-miżuri se jnaqqsu l-użu tal-UAN, fertilizzant li għandu effetti ambjentali anqas negattivi minn fertilizzanti oħra, li jinvolvi kompromess mal-politiki dwar il-ħarsien tal-ambjent. Il-Kummissjoni ċaħdet dan il-punt. Anki jekk l-UAN għandu bosta vantaġġi agronomiċi, huwa mhuwiex newtrali għall-ambjent u fil-prinċipju jikkawża telf akbar mill-volatilizzazzjoni tal-ammonja milli l-fertilizzanti bbażati fuq in-nitrati.

(257) Xi partijiet sostnew li operaturi ekonomiċi oħra se jbatu, li hemm anqas impjiegi fil-produtturi tal-UAN tal-Unjoni milli f'setturi oħra, li s-sigurtà alimentari hija fil-periklu (billi l-miżuri se jġiegħlu lill-bdiewa jużaw anqas UAN, li se jnaqqas ir-rendiment u, bħala konsegwenza, il-produzzjoni agrikola) u li l-fertilizzanti kollha tan-nitroġenu se jsiru aktar għaljin (u b'ħekk tibqa' d-differenza normali bejn it-tipi differenti ta' fertilizzanti). Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-argumenti. Ma hemm ebda stima affidabbli tal-għadd ta' impjiegi relatati mal-UAN fl-operaturi ekonomiċi rilevanti filwaqt li, skont iċ-ċifri verifikati, hemm aktar minn 1 000 impjieg relatat mal-UAN fil-produtturi tal-Unjoni. Sitt partijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' operaturi ekonomiċi differenti ppreżentaw tweġibiet għall-kwestjonarju għalkemm b'*data* verifikabbli limitata. Dwar is-sigurtà alimentari, l-għan tal-miżuri huwa li joħolqu kundizzjonijiet ekwi li jistgħu jibbenefikaw minnhom il-partijiet kollha. Xejn fil-fajl ma jissuġġerixxi li żieda fil-prezz tal-UAN, jekk ikun hemm, se jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' fertilizzanti oħra.

7.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(258) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING PROVVIŻORJI**

(259) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji sabiex ikun evitat dannu ulterjuri għall-industrija tal-Unjoni minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(260) Għandhom jiġu imposti miżuri anti-dumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni milwiema jew ammonijakali li joriġinaw fi Trinidad u Tobago, u fl-Istati Uniti tal-Amerka skont ir-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet ta' dannu u l-marġnijiet tad-dumping (il-premessa (208) aktar 'il fuq). L-ammont tad-dazji ġie stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġni tad-dumping u l-marġni tad-dannu.

(261) Għandhom jiġu imposti miżuri anti-dumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni milwiema jew ammonijakali li joriġinaw mir-Russja skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu. Wara li sabet distorsjonijiet fil-materja prima fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fis-sens tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fil-forma, fost l-oħrajn, ta' taxxa ta' 30 % fuq l-esportazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li jkun fl-interess tal-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 7(2b) tar-Regolament Bażiku, li tistabbilixxi l-ammont tad-dazji fil-livell tal-marġni tad-dumping, billi dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ma jkunx biżżejjed biex jindirizza d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

([31]) L-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa Irlandiżi tirrikonoxxi li l-bdiewa Irlandiżi jħallsu fost l-ogħla prezzijiet fid-dinja għall-fertilizzanti tagħhom (t18.010593). Ir-rikorrent jorbot dan il-fatt mal-għajbien, snin ilu, tal-produttur lokali tal-fertilizzanti (t18.011682).

([32]) L-impronta tal-karbonju tan-nitrat tal-ammonju fl-UE hija 1,1 tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO2 / tunnellata tal-prodott, 2.3 fl-Istati Uniti tal-Amerka u 2.6 fir-Russja. Sors: "Growing together", Fertilizers Europe, 2018.

(262) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju provviżorju antidumping, espressi fil-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, id-dazju doganali mhux imħallas, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping provviżorju
Ir-Russja	PJSC Acron	31,9	31,9	31,9
Ir-Russja	Novomoskovsky Azot JSC	34,0	34,0	34,0
Ir-Russja	Nevinnomyssky Azot JSC	34,0	34,0	34,0
Ir-Russja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	34,0	34,0	34,0
Trinidad u Tobago	Methanol Holdings (Trinidad) Limited	55,9	16,3	16,3
Trinidad u Tobago	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	55,9	16,3	16,3
L-Istati Uniti tal-Amerka	CF Industries Holdings, Inc.	37,3	22,6	22,6
L-Istati Uniti tal-Amerka	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	37,3	22,6	22,6

(263) Ir-rati tad-dazju anti-dumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u li jipproduċuh l-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Huma ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi rata individwali ta' dazju anti-dumping.

(264) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati individwali ta' dazju anti-dumping jekk sussegwentement hija tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([33]). It-talba għandu jkun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk it-tibdil tal-isem tal-kumpanija ma jaffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, avviż dwar it-tibdil tal-isem jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(265) Biex jiġu mminimizzati kemm jista' jkun ir-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati ta' dazju, jenħtieġu miżuri speċjali biex tkun żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn din il-fattura jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(266) Biex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma jkunux ikkooperaw f'din l-investigazzjoni, iżda anki għall-produtturi li ma esportawx lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

9. **REĠISTRAZZJONI**

(267) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni milwiema jew ammonijakali soġġetti għar-reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni saret bl-għan li possibbilment jingħabru d-dazji b'mod retroattiv skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(268) Fid-dawl tas-sejbiet fl-istadju provviżorju, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tieqaf / ma titkompliex.

(269) F'dan l-istadju tal-proċediment ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' miżuri anti-dumping. Deċiżjoni bħal din se tittieħed fi stadju definittiv.

([33]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, Il-Belġju.

10. **INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVVIŻORJU**

(270) Skont l-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji provviżorji. Din l-informazzjoni kienet disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali permezz tas-sit web tad-DĠ KUMMERĊ. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem tax-xogħol biex jipprovdu kummenti dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli divulgati speċifikament lilhom.

(271) Waslu kummenti mingħand Fertilizers Europe u mingħand l-erba' produtturi esportaturi. Il-Kummissjoni qieset il-kummenti li kienu kkunsidrati bħala li huma ta' natura klerikali u kkoreġiet il-marġni kif xieraq.

11. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(272) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati biex iressqu kummenti bil-miktub fi żmien 15-il jum u / jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u / jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali fi żmien 5 ijiem.

(273) Il-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa impost dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni milwiema jew ammonijakali, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 80 00 u li joriġinaw mir-Russja, Trinidad u Tobago, u l-Istati Uniti tal-Amerka.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju (%)	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Russja	PJSC Acron	31,9	C500
Ir-Russja	Novomoskovsky Azot JSC	34,0	C501
Ir-Russja	Nevinnomyssky Azot JSC	34,0	C504
Ir-Russja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	34,0	C999
Trinidad u Tobago	Methanol Holdings (Trinidad) Limited	16,3	C502
Trinidad u Tobago	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	16,3	C999
L-Istati Uniti tal-Amerka	CF Industries Holdings, Inc.	22,6	C503
L-Istati Uniti tal-Amerka	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	22,6	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 2 għandha tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu / isimha u l-kariga, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Unjoni Ewropea kopert b'din il-fattura, ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Jekk ma tiġi ppreżentata ebda fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

5. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali fis-seħħ.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti bil-miktub tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum tal-kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem tal-kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem tal-kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta għandu jeżamina t-talbiet ippreżentati barra dan il-limitu taż-żmien u jista' jiddeċiedi dwar l-aċċettazzjoni tagħhom jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, stabbilita skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/455 tal-20 ta' Marzu 2019 ([34]) ("Ir-Regolament ta' reġistrazzjoni").

2. Id-*data* miġbura fir-rigward ta' prodotti li daħlu fl-Unjoni għall-konsum mhux aktar minn 3 ġimgħat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament għandha tinżamm sakemm jiddaħħlu fis-seħħ miżuri definittivi possibbli, jew sakemm jintemm dan il-proċediment.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([34]) ĠU L 79, 21.3.2019, p. 9.